# 'BLA DUBJU TA' XEJN'

## CAST:

PURTIER TAL-QORTI.................................................................................

SKRIVAN TAL-QORTI................................................................................

MHALLEF..................................................................................................

AVUKAT BORG BUGEJA.........................................................................

SPETTUR TAL-PULIZIJA........................................................................

AVUKAT MIFSUD CAMILLERI.............................................................

FIZZJAL TAL-HABS................................................................................

MRS. RIZZO..............................................................................................

TABIB VELLA AZZOPARDI...................................................................

TABIB HILI SAID.....................................................................................

MISS. CACHIA..........................................................................................

AVUKAT PISANI......................................................................................

NETTA MIFSUD CAMILLERI..................................................................

SKRIVANA TAL-QORTI...........................................................................

# ‘BLA DUBJU TA XEJN’

## (Beyond Reasonable Doubt)

‘Thriller’

ta’

Jeffrey Archer

Maqlub u addattat ghall-Malti

Minn

**Chev. Tony C Cutajar.**

# ‘BLA DUBJU TA’ XEJN’

## CAST:

PURTIER TAL-QORTI……………………………………………………..

SKRIVAN TAL-QORTI……………………………………………………

MHALLEF…………………………………………………………………..

AVUKAT BORG BUGEJA………………………………………………

SPETTUR TAL-PULIZIJA………………………………………………

AVUKAT MIFSUD CAMILLERI………………………………………

FIZZJAL TAL-HABS……………………………………………………..

MRS. RIZZO………………………………………………………………

TABIB VELLA AZZOPARDI…………………………………………

TABIB HILI SAID………………………………………………………..

MISS. CACHIA…………………………………………………………..

AVUKAT PISANI……………………………………………………….

NETTA MIFSUD CAMILLERI………………………………………

SKRIVANA TAL-QORTI………………………………………………

# BLA DUBJU TA' XEJN

## MAQLUBA GĦALL-MALTI MINN CHEV TONY C CUTAJAR

***ATT 1***

*Il-Ġuri*
*Fil-qorti filgħodu. Preżenti l-Purtier, l-Iskrivan, Dr. Thomas Borg Bugeja, Dr. Robert Pisani Bonello, Uffiċjal tal-ħabs, Dr. Salvatore Mifsud Camilleri, Joe Cachia u l-istenografu.*

**Purtier fil-qorti**. Qumu bilwieqfa. (*Kulħadd iqum bilwieqfa. Jidħol l-Imħallef*)

**Skrivan**. (*jindirizza lill-ġurija, jiġifieri lill-udjenza*) Membri tal-ġurija, Dr. Salvatore Mifsud Camilleri huwa akkużat bi qtil. Huwa jiddikjara li mhuwiex ħati. Għalhekk xogħolkom hu li tisimgħu l-evidenza u tgħidu jekk huwiex ħati jew le.
**Mħallef**. Sinjuri, kull wieħed u waħda minkom intom membri tal-ġurija li d-dmir solenni tagħkom hu li tgħidu jekk Dr. Salvatore Mifsud Camilleri huwiex ħati ta' qtil jew le. Dan il-każ diġà kellu ħafna pubbliċità sensazzjonali iżda dan m'għandux jinfluwenzakom. Intom ħadtu ġurament li tagħtu verdett veru skond l-evidenza. L-unika evidenza li tgħodd hija dik li tinstema' f'din il-qorti. Meta ~~tmorru lura~~ d-dar, il-familji tagħkom u l-ħbieb żgur li se jistaqsukom x'kontu qed tagħmlu l-qorti. Jekk issemmu dan il-każ, mhux talli jistaqsukom kif taħsbuha talli anke jagħtukom il-veduti tagħhom. Iżda dawk ma ħadu l-beda ġurament u ma semgħu l-ebda ~~evidenza~~. Fl-esperjenza tiegħi huma dawk li qatt ma jersqu lejn il-qorti li jkunu żguri dwar x'għandu jkun il-verdett. Il-ġustizzja ssir biss skond it-tagħrif li jingħata u mhux skond ~~l-influwenza~~. Għalhekk jekk jogħġobkom titkellmu ma' ħadd dwar dan il-każ u tħallu lil ħadd ikellimkom dwaru. Intom u intom biss tiddeċiedu jekk Dr Salvatore Mifsud Camilleri hux ħati ta' qtil jew le. Iva, Sur Avukat Borg Bugeja.

**Borg Bugeja**. Sur Imħallef, membri tal-ġurija. F'dan il-każ jiena qed nidher għan-nom tal-Prosekuzzjoni flimkien mal-ħabib tiegħi s~~Sur~~ Joe Cachia. L-akkużat iddeċieda li jiddefendi lilu nnifsu. Bil-permess tas-Sur Imħallef, l-akkużat se jiġi assistit mill-ħabib tiegħi Dr Pisani ~~Bonello~~. Membri tal-ġurija, il-Prosekuzzjoni mhix se ttawwal iżżejjed f'dan l-indirizz tal-ftuħ għax jiena naf żgur li se ssibu dan il-każ wieħed sempliċi kemm jista' jkun.
**Mħallef** (*jintervjeni mill-ewwel*) Jiena se nieħu interess speċjali fl-argument tiegħek, Dr Borg Bugeja. F'esperjenza ta' iktar minn erbgħin sena, jien għadni qatt ma ltqajt ma' każ sempliċi.
**Borg Bugeja**. Sur Imħallef, Membri tal-ġurija, se ssibu li hawn għandna kap wieħed biss ta' akkuża – dak ta' qtil. Huwa delitt deliberatkiesaħ u biered u mhux aċċidentali tas-sinjura Netta Mifsud Camilleri, minn żewġha l-avukat Mifsud Camilleri. Membri tal-ġurija, mhux pjaċir tiegħi li nidher għall-Prosekuzzjoni f'din l-okkażjoni. Dr. Mifsud

Camilleri kellu karriera legali mill-aqwa li naf żgur li tafu daqsi li kien meqjum fl-avukatura. Kien il-President tal-Kunsill ta' l-Avukati. Għalhekk tapprezzaw kemm se jkun diffiċli għalija li nippreżenta ruħi hawn kontra wieħed mill-kollegi tiegħi. Jiena ma ppruvajtx nevita din ir-responsabbiltà serja għax nemmen li ħadd mhu 'l fuq mil-liġi u li l-ġustizzja trid dejjem tidher li qed issir. Il-Prosekuzzjoni se tippreżenta każ li bla ebda dubju ta' xejn jikkonvinċikom, membri tal-ġurija, li Dr. Mifsud Camilleri għax ried qatel lil martu fis-sigħat bikrin ta' l-24 ta' Marzu ta' din is-sena. Il-Prosekuzzjoni se turi wkoll li r-relazzjoni bejn Dr. Mifsud Camilleri u martu ma kinitx tajba u li qabel sar il-każ kienet saret ostili. Kmieni filgħaxija huma kellhom xi jgħidu b'mod miftuħ u li jinstema', u iktar tard, meta tfaċċat l-opportunità li jivvalena lil martu, Dr. Mifsud Camilleri ħatafha b'idejh it-tnejn biex jeħles minn mara li kienet lejali u ddedikata. Il-Prosekuzzjoni se tkompli turi kif huwa għax ried taha doża żejda ta' mediċina ħażina li wasslitha għall-mewt. Il-Prosekuzzjoni se ssejjaħ xhieda biex turi l-mottiv ċar għal dan il-qtil premeditat, u l-iktar importanti, xhud ta' l-istess qtil. Il-Prosekuzzjoni mhi se tħalli l-ebda dubju dwar l-azzjonijiet ta' Dr. Mifsud Camilleri fis-sigħat bikrin ta' dik l-għodwa fatali ta' Marzu u intom mhu se jkollkom l-ebda alternattiva oħra ħlief li ssibu lil Dr. Mifsud Camilleri ħati. Sur Imħallef, insejħu l-ewwel xhud, l-Ispettur Charles Tonna.

*Il-Purtier iqum minn postu u jsejjaħ lill-Ispettur Tonna mill-bieb ta' l-awla. Jidħol l-Ispettur li meta jindirizza lill-ġurija jħares dritt lejn l-udjenza. Ix-xhieda kollha jagħmlu l-istess ħaġa biex l-udjenza tħossha parti mill-ġurija.*

**Purtier**. L-ispettur Charles Tonna bil-Malti u bil-ġurament jgħid, "Naħlef u ngħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa. Hekk Alla jgħinni." Issa, bus is-salib.
**Borg Bugeja**. Inti jismek Charles Tonna u inti spettur prinċipali ma' l-Iskwadra tad-Delitti, sewwa qed ngħid?
**Tonna**. Iva.
**Borg Bugeja**. Fl-24 ta' Marzu ta' din is-sena meta nqatlet Netta Mifsud Camilleri...
**Mifsud Camilleri**. Oġġezzjoni, Sur Imħallef.
**Borg Bugeja**. Niskuża ruħi. Imissni għedt meta mietet.
**Mifsud Camilleri**. Anke jekk ma kinitx l-intenzjoni tiegħek li tgħid hekk.
**Borg Bugeja**. Spettur, naħseb li inti tista' tippreżenta kopja taċ-ċertifikat tal-mewt. Sur Imħallef, huwa dokument fil-kaxxa tal-ġuri. Taħt ir-ras "Kawża tal-Mewt" x'hemm miktub, Spettur?
**Tonna.** Iċ-ċertifikat jgħid li kienet mewta naturali, Sur Avukat, iżda wara hemm il-kelma "Lymphosarcoma".
**Borg Bugeja**. Dak iż-żmien kellek xi raġunijiet validi biex tiddubita l-verità taċ-ċertifikat?
**Tonna.** Le.
**Borg Bugeja**. Ħadd ma ġie b'xi informazzjoni biex juri li dik ma kinitx mewta naturali?
**Tonna**. Ħadd.
**Borg Bugeja**. Dr Mifsud Camilleri qatt ipprova jagħmel xi kuntatt miegħek jew ma' xi pulizija oħra?
**Tonna**. Le, qatt.
**Borg Bugeja**. Mela x'ġagħlek tibda tissuspetta, Spettur?
**Tonna**. Meta l-għassa tal-pulizija rajt lis-serva tas-sinjura Mifsud Camilleri.

**Borg Bugeja**. Dakinhar is-serva għamlet u ffirmat xi stqarrija?
**Tonna**. Iva.
**Borg Bugeja**. X'kienet tgħid dik l-istqarrija?
**Tonna**. Fiha s-serva qalet li kienet rat lill-avukat Mifsud Camilleri jivvalena lil martu fis-sigħat bikrin ta' l-24 ta' Marzu. Qalet li ratu jagħtiha doża fatali ta' Cyclotoxelix meta bilfors kien jaf li kienet diġà ħadet l-istess doża ftit sigħat qabel. Qalet li ratu jqegħdhielha fil-kikkra tat-te.
**Borg Bugeja**. Allura int x'għamilt meta sirt taf b'din l-istqarrija, Spettur?
**Tonna**. Ġibna ordni biex naqilgħu l-katavru tagħha mill-qabar.
**Borg Bugeja**. U dik l-ordni twettqet?
**Tonna.** Iva. (*Jaqra min-noti tiegħu*) Il-patoloġista prinċipali Alfred Formosa kkonferma li fil-ġisem kien hemm ammont għoli ħafna iktar ta' Cyclotexelix mid-doża normali tal-ġimgħa.
**Borg Bugeja**. Sur Imħallef, ir-rapport tal-patoloġista qiegħed fil-kaxxa tad-dokumenti tal-ġuri. Meta d-doża żejda ġiet ikkonfermata mill-patoloġista x'azzjoni ħadt?
**Tonna**. ~~Intervistajt~~... (*jiċċekkja man-noti*) lil Dr. Vella ~~Azzopar~~di, it-tabib tas-sinjura Mifsud Camilleri, lis-serva u anke lill-avukat Mifsud Camilleri. Wara għamilt rapport u bgħattu lid-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi.
**Borg Bugeja**. Sewwa. U jekk kellek indikazzjonijiet ċari li Dr. Mifsud Camilleri seta' kellu x'jaqsam ma' l-ivvalenar ta' martu għaliex ma arrestajtux mill-ewwel?
**Tonna**. Ħassejt li ma kienx ikun prudenti narresta l-President tal-~~Kunsill~~ ta' l-Avukati u nakkużah bi qtil mingħajr l-awtorità tad-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi.
**Borg Bugeja**. Sewwa. Wieħed mhux se jaqbad jarresta xiħadd hekk ~~għoli~~ bħall-avukat Mifsud Camilleri jekk ma jkunx assolutament żgur mill-pass li jkun se jieħu...
**Mifsud Camilleri**. Noġġezzjona, Sur Imħallef. Kumment bħal dan mhuwiex f'postu għax juri preġudizzju, anke jekk huwa tipiku.
**Mħallef**. Iva, Sur Avukat, għandek tevita li tkun imħallef, ~~ġuri~~ u anke prosekutur fl-istess ħin.
**Borg Bugeja**. Niskuża ruħi, Sur Imħallef. Jien ridt biss li l-ġurija tifhem l-attenzjoni u t-tolleranza li wera l-Ispettur qabel ma ħaseb biex jarresta lill-avukat Mifsud Camilleri. Tista', Spettur, tgħid lill-ġurija x'ġara wara?
**Tonna**. Ġibt mandat ta' arrest. Lill-avukat arrestajtu wara nofsinhar tal-11 ta' April... (*jiċċekkja fin-noti*) fid-dar tiegħu u akkużajtu bil-qtil ta' martu.
**Borg Bugeja**. Meta arrestajt lill-avukat Mifsud Camilleri kif ġab ruħu dakinhar?
**Tonna**. Deher... bħal wieħed mitluf.
**Borg Bugeja**. Deher bħal wieħed mitluf. Qal xi ħaġa?
**Tonna**. Ma għamel l-ebda stqarrija.
**Borg Bugeja**. M'għamel l-ebda stqarrija meta kien qed jiġi arrestat għall-qtil ta' martu?
**Tonna**. Le.
**Borg Bugeja**. Grazzi, Spettur. (*Joqgħod bilqiegħda*)
**Mħallef.** Tixtieq tinterroga lix-xhud, Dr ~~Mifsud Camill~~eri?
**~~Mifsud Camilleri~~**. Iva, Sur Imħallef. Spettur, meta tarresta lil xiħadd m'intix suppost tinforma lill-persuna akkużata li m'għandhix għalfejn tagħmel stqarrija?
**Tonna.** Iva, hekk suppost.
**Mifsud Camilleri**. Hekk għamilt f'dan il-każ?
**Tonna.** Le.

**Mifsud Camilleri**. Għaliex le?
**Tonna**. Ħassejt li ma kienx hemm bżonn meta din il-persuna kienet l-ogħla awtorità legali fil-pajjiż.
**Mifsud Camilleri**. Jiġifieri ma mxejtx skond il-proċedura rrakkomandata?
**Tonna**. Le.
**Mifsud Camilleri**. Spettur, jekk ~~jiena~~ Mifsud qtilt lil marti skond kif indikat mill-Prosekuzzjoni, ma taħsibx li jiena stajt ~~faċilment~~ qridt l-evidenza billi ~~ħadtha fi krematorju minflok dfintha iċ-ċimiterju?~~
**Tonna.** Ħafna mill-kriminali jaħsbu li huma iktar bravi mil-liġi. Is-soltu għalhekk naqbduhom.
**Mifsud Camilleri**. Inti għedt lill-qorti li ~~jien~~ dehert bħal wieħed mitluf meta arrestajtni. Ma setgħetx din kienet reazzjoni naturali wara l-mewt ta' marti u wara dak kollu li nqala' għalxejn fil-post-mortem?
**Tonna**. Ma nistax ngħid. Dakinhar kien ġimgħat wara.
**Mifsud Camilleri**. Ġimgħat wara? Jgħidu li r-Reġina Victoria damet imdejqa għal għerbin sena sħaħ wara l-mewt ta' żewġha. M'għandix iktar mistoqsijiet, Sur Imħallef.
**Mħallef.** Spettur, Dr Mifsud Camilleri deher imdejjaq qabel għedtlu li kont se tarrestah?
**Tonna.** Diffiċli tgħid, Sur Imħallef. Jiena kont nervuż ħafna dakinhar meta ġejt biex narresta lill-President ~~tal-Kunsill~~ ta' l-Avukati. Qbadt u akkużajtu hekk kif dħalt mill-bieb.
**Mħallef**. Mm... Grazzi, Spettur. Ix-xhud l-ieħor, Sur Avukat.
**~~Borg Bugeja~~**. Sur Imħallef, nixtieq insejjaħ lil Stella Rizzo.

*Tidħol Stella Rizzo*

**Purtier**. Stella Rizzo, bil-Malti u bil-ġurament tgħid, "Naħlef u ngħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa. Hekk Alla jgħinni." Issa bus is-salib.
**Mħallef**. Trid tpoġġi bilqiegħda, sinjura Rizzo?
**Rizzo**. Le, grazzi, nibqa' bilwieqfa.
**Mħallef**. Int taf.
**Borg Bugeja**. Inti Stella Rizzo?
**Rizzo**. Iva.
**Borg Bugeja**. Fejn toqgħod?
**Rizzo** (*minn taħt l-ilsien*) Bilfors irrid ngħidlek, meta hawn hu preżenti? (*Hi u turi lil Mifsud Camilleri)*
**Mħallef.** Miniex nisimgħek.
**Rizzo**. Bilfors irrid ngħidlek meta hawn hu preżenti?
**Borg Bugeja**. Le, ma naħsibx li hemm bżonn. Iżda qabel ma kontx toqgħod fid-dar tas-sinjura Netta Mifsud Camilleri?
**Rizzo**. Iva.
**Mħallef.** Jekk jogħġbok indirizza t-tweġibiet tiegħek lill-ġurija, sinjura.
**Borg Bugeja**. U inti kont taħdem bħala serva fid-dar ta' Netta Mifsud Camilleri, sewwa qed ngħid?
**Rizzo**. Iva. Ħdimt mas-sinjura għal iktar minn seba' snin u għext fid-dar tagħhom għal kważi tliet snin wara li telaqni żewġi. Iżda issa qiegħda mpjegata xi mkien ieħor.

**Borg Bugeja**. Nixtieq nibda billi nistaqsik x'tiftakar dwar il-lejla tat-23 ta' Marzu, minn meta l-avukat Mifsud Camilleri wasal id-dar.
**Rizzo**. Iva, Sur Imħallef.
**Borg Bugeja**. Jiena miniex l-imħallef. Jiena l-avukat Borg Bugeja.
**Rizzo**. Iva, Sur Avukat.
**Borg Bugeja**. Dakinhar l-avukat Mifsud Camilleri wasal id-dar tard jew kmieni?
**Rizzo**. Tard. Kważi dejjem kien jasal tard.
**Borg Bugeja**. U dan kien jaqla' l-inkwiet bejn l-avukat u martu, hux hekk?
**Rizzo**. Le, mhux martu. Hu kien dejjem ikollu xi jgħid magħha, anke fuq l-iċken ħaġa, speċjalment meta kien ikun f'burdata ħażina.
**Mifsud Camilleri**. Irrid noġġezzjona, Sur Imħallef. Li qed tgħid mhux minnu...
**Mħallef.** Issa jkollok ċans tinterrogaha. Dawn l-affarijiet inti tafhom sew.
**Borg Bugeja**. Jiġifieri l-avukat Mifsud Camilleri wasal id-dar tard u martu dehret inkwetata minħabba f'hekk.
**Rizzo**. Iva. Qaltlu li kien fis-sakra u li x-xorb kien se jeqridlu moħħu.
**Borg Bugeja**. U huwa x'wieġeb?
**Rizzo**. Qabad jirrabja u jgħajjat magħha. Qalilha, "Se jiddispjaċik għal dak il-kliem, mara." U refa' jdejh fuqha.
**Borg Bugeja**. Rajtu jerfa' jdejh fuqha?
**Rizzo**. Le, iżda smajtha titolbu biex ma jerġax.
**Borg Bugeja**. Mbagħad x'ġara?
**Rizzo**. Jiena ppruvajt inġib skuża biex nerġa' nidħol fis-salott.
**Borg Bugeja**. U rnexxielek?
**Rizzo**. Iva. Għamiltilha kikkra kafé u dħalt kmieni biex nagħtiha l-pilloli.
**Borg Bugeja**. Iva, issa niġu għal dik. Ħa nsaqsik ħaġa. L-avukat xorob ħafna dik il-lejla?
**Rizzo**. Meta wasal id-dar kellu riħa ta' xorb imbagħad xorob flixkun inbid u iktar tard flixkun ieħor. Naf għax jien sbarazzajthom.
**Borg Bugeja**. Jiġifieri sa tard filgħaxija taħseb li kien fis-sakra?
**Mifsud Camilleri**. Sur Imħallef, noġġezzjona. Dik hija mistoqsija oħra offensiva għall-aħħar u li tissuġġerixxi tweġiba li jixtieq hu.
**Borg Bugeja.** Tajjeb, tajjeb. Mela ħa nħalluha li l-avukat Mifsud Camilleri wasal id-dar b'riħa ta' xorb fuqu u wara xorob żewġ fliexken inbid oħra. Niddubita kemm Dr Mifsud Camilleri jista' jgħid li dik kienet mistoqsija li tissuġġerixxi dak li nixtieq jien.
**Mifsud Camilleri**. Le, lanqas biss hija mistoqsija.
**Borg Bugeja**. Rizzo, kont qed tgħid lill-qorti li kont qed tfittex skuża biex terġa' tmur lura fis-salott. Sewwa qed ngħid?
**Rizzo**. Iva, dħalt malajr kemm jista' jkun biex nagħtiha l-pilloli ħalli tkun tista' teħodhom u tidħol torqod.
**Borg Bugeja**. U x'kienu dawn il-pilloli?
**Rizzo**. Darba fil-ġimgħa kienet tieħu pillola ta' ġimgħa u kull filgħaxija kienet tieħu pillola ta' l-irqad.
**Borg Bugeja**. X'jiġifieri pillola ta' ġimgħa?
**Rizzo**. Hija pillola ħamra kbira qawwija ħafna, iżda ma nafx ngħid isimha.
**Borg Bugeja**. Sur Imħallef, naħseb li Rizzo qed tirreferi għal Cyclotoxelix. U dak il-lejl, hija ħadet din il-pillola ta' ġimgħa, il-ħamra?
**Rizzo.** Iva.

**Borg Bugeja**. Mbagħad ħadet il-pillola ta' l-irqad, hux?
**Rizzo.** Iva. Kienu xi l-għaxra nieqes kwart.
**Borg Bugeja**. Jiġifieri ma kinitx ħadet il-pillola l-ħamra mill-inqas tmint ijiem qabel, hux hekk?
**Rizzo**. Iva, sewwa qed tgħid. Dawk kienu l-ordnijiet tat-tabib Dr. Vella Azzopardi.
**Borg Bugeja**. Qed nifhem. U l-avukat kien fil-kamra dak il-ħin?
**Rizzo**. Iva, hemm kien.
**Borg Bugeja**. U ra dak li kien qed jiġri?
**Rizzo**. Żgur. Mhux hemm bilwieqfa ħdejna kien?
**Borg Bugeja**. Iżda kien jaf liema pillola kienet qed tieħu martu?
**Rizzo**. Bilfors li kien jaf għax kull meta kont nagħtihielha dejjem kont nirreferi għaliha bħala l-pillola ta' darba fil-ġimgħa.
**Borg Bugeja**. Dejjem? Jiġifieri l-avukat kien semgħek tirreferi għaliha b'dak il-mod ħafna drabi qabel.
**Rizzo**. Iva, kemm-il darba.
**Borg Bugeja**. Sewwa. Mbagħad x'ġara?
**Rizzo**. Hi u żewġha telgħu fil-kamra tas-sodda tagħhom.
**Borg Bugeja**. Mbagħad int mort torqod?
**Rizzo**. Iva, iżda mhux qabel ma għoddejt il-pilloli l-ħomor.
**Borg Bugeja**. Dejjem kont tagħmel hekk?
**Rizzo**. Iva, dejjem.
**Borg Bugeja**. U kemm kien hemm pilloli ħomor fil-flixkun?
**Rizzo**. Kien hemm sebgħa.
**Borg Bugeja**. Sebgħa? Inti żgura milli qed tgħid, Rizzo?
**Rizzo**. Iva, iktar minn żgura.
**Borg Bugeja**. Wara li mort f'kamartek x'ġara?
**Rizzo**. Rqadt kważi mill-ewwel. Iżda qomt f'nofs ta' lejl.
**Borg Bugeja**. X'ħin kien?
**Rizzo**. Xi t-tlieta. Ma nafx x'kien li qajjimni, iżda ħsibt li kienet is-sinjura għax spiss kienet tqum f'nofs ta' lejl u tinżel isfel biex tagħmel kikkra te. Għalhekk jiena lbist id-dressing gown u nżilt isfel.
**Borg Bugeja**. U x'rajt?
**Rizzo**. Kien hemm l-avukat flimkien mas-sinjura.
**Borg Bugeja**. Iva?
**Rizzo**. Qgħadt inħares lejhom mit-taraġ iżda huma ma setgħux jarawni. L-avukat kien wieqaf warajha. Rajtu jitfa' fit-te pillola oħra ta' darba fil-ġimgħa. Miskina, hi ma ratx x'kien qed jagħmel iżda jien rajtu.
**Borg Bugeja**. Rizzo, inti żgura liema pillola tefa' fit-te l-avukat Mifsud Camilleri?
**Rizzo**. Iva, rajt kollox minfejn kont.
**Borg Bugeja**. Kif stajt kont daqshekk żgura?
**Rizzo**. Minħabba l-kulur tal-pillola li hi ħamra. Barra minn dan, jiena rġajt għoddejthom wara.
**Borg Bugeja**. Erġajt għoddejthom. Kemm kien hemm din id-darba?
**Rizzo**. Sitta.
**Borg Bugeja**. Sitta! Meta rajtu jitfa' l-pillola l-ħamra fit-te għaliex ma tkellimtx?
**Rizzo**. Għax bżajt li seta' jagħmilli xi ħaġa.

**Borg Bugeja**. Bżajt li seta' jagħmillek xi ħaġa? Jekk jogħġbok spjega lill-ġurija għaliex kont tibża' minnu.
**Rizzo.** Għax għandu natural vjolenti ħafna u għax spiss kien jgħajjat miegħi. Bħal ma kien jgħajjat mas-sinjura. Għalhekk qgħadt kwieta għax kont imbeżża' li jekk ngħid xi ħaġa seta' – ma tafx int? – jerfa' jdejh fuqi wkoll.
**Borg Bugeja**. Iżda iktar tard inti għamilt stqarrija lill-pulizija, hux?
**Rizzo**. Iva għax ħassejt li m'għandux jgħaddiha lixxa, qisu qatt ma kien ġara xejn.
**Borg Bugeja**. Inti taf x'inhuma l-konsegwenzi ta' dan kollu li qed tgħid lill-qorti, hux, Rizzo?
**Rizzo**. Iva, naf. Jiena rajtu joqtolha.
**Borg Bugeja**. M'għandix iżjed mistoqsijiet x'nagħmel.

*Rizzo tkun se tħalli postha.*

**Mħallef**. Stenna, sinjura. Naħseb li Dr Mifsud Camilleri għandu xi mistoqsijiet x'jagħmillek.
**Mifsud Camilleri**. Żgur li għandi, Sur Imħallef! Nixtieq nibda, Rizzo, b'dak li għedt li tiftakar dwar il-lejla tat-23 ta' Marzu.
**Rizzo**. Nibqa' niftakar kull ma ġara f'dik il-lejla sakemm immut. Qatt m'jien se ninsa.
**Mifsud Camilleri**. Meta inti tajt il-pillola lil marti, jiena fejn kont bilwieqfa?
**Rizzo**. Fil-kamra mas-sinjura.
**Mifsud Camilleri**. Iva, iżda fejn fil-kamra?
**Rizzo**. Ħdejn il-mejda tax-xorb.
**Mifsud Camilleri**. Int żgura minn dan?
**Rizzo**. Iva, żgura.
**Mifsud Camilleri**. Iżda dik il-mejda qiegħda fit-tarf l-ieħor tal-kamra minfejn kienet marti bilqiegħda, mhux hekk?
**Rizzo**. Iva.
**Mifsud Camilleri**. Jiġifieri jista' jkun li jiena ma stajtx nara liema pillola ħadet marti.
**Rizzo.** (*iċċaqlaq spallejha*) Ma nafx.
**Mifsud Camilleri**. Eżattament. Issa rrid niġi għal dak li għedt li rajt ftit sigħat wara.
**Rizzo**. Stenna ftit. Jiena sejjaħtilha l-~~pillola~~ ta' darba fil-ġimgħa, għalhekk inti kont taf.
**Mifsud Camilleri**. Inti qed tgħid hekk!
**Rizzo**. U inti qed tgħid il-kontra!
**Mifsud Camilleri**. Inti għedt li kont fuq it-taraġ u rajt lili npoġġi l-pillola fit-te ta' marti.
**Rizzo**. Iva, hekk għedt.
**Mifsud Camilleri**. U int kont taf li kienet il-Cyclotoxelix għax il-pillola kienet ħamra, hux hekk?
**Rizzo**. Iva.
**Mifsud Camilleri**. Tajjeb. Kemm taħseb li hemm bogħod mit-taraġ sal-pultruna fejn kienet bilqiegħda marti?
**Rizzo**. X'jiġifieri?
**Mifsud Camilleri**. Jien naħseb li taf eżatt x'jiġifieri, iżda ħa nagħmilhielek iktar faċli. Taħseb li int kont bogħod daqs kemm int bogħod minni bħalissa?
**Rizzo**. (*iktar ċerta tagħha nnifisha*) Iva. Kważi l-istess distanza.

**Mifsud Camilleri**. Tajjeb. Mela naħseb li tista' tgħidli x'kulur huma dawn il-pilloli f'dawn it-tliet fliexken. (*Joħroġ tliet fliexken mimlija bil-pilloli*)
**Borg Bugeja**. Sur Imħallef, wasalna fi stat li l-akkużat se joqgħod jagħmel logħob tal-bużullotti?
**Mħallef**. Jiena daqsek għandi l-kurżità biex inkun naf. Kompli, Dr. Mifsud Camilleri.
**Mifsud Camilleri**. X'kulur huma dawn il-pilloli f'dan il-flixkun, Rizzo?
**Rizzo**. Blu.

*Kienu ħodor. Mifsud Camilleri juriha flixkun ieħor.*

**Rizzo**. Ħomor.

*Twieġeb sewwa. Mifsud Camilleri juriha flixkun ieħor.*

**Rizzo**. Ħodor.

*Twieġeb ħażin għax kienu blu.*

Cachia goes for pills

**Mifsud Camilleri**. Qtajt waħda minn tlieta, Rizzo. Ma nistgħux ngħidu bla dubju ta' xejn. U jekk miniex sejjer żball, ħdejn marti kien hemm *żewġ* fliexken tal-pilloli. X'kien il-flixkun l-ieħor?
**Rizzo**. ~~Il-pillo~~li ta' l-irqad.
Pirmli

*Borg Bugeja jitkellem minn taħt l-ilsien ma' sieħbu Joe Cachia li jaqbad u joħroġ mill-awla.*

**Mifsud Camilleri**. Marti setgħet tieħu iktar minn pillola waħda ta' l-irqad?
**Rizzo**. It-tabib ma tani l-ebda ordni dwar dawk il-pilloli.
**Mifsud Camilleri**. Mela ħallini nistaqsik jekk kultant marti kinitx tieħu iktar minn pillola waħda ta' l-irqad meta ma setgħetx torqod?
**Rizzo**. Iva.
**Mifsud Camilleri**. Mela jista' jkun li inti rajtni nqiegħed fit-te tagħha pillola ta' l-irqad, mhux hekk?
**Rizzo**. Le, mhux hekk kien. Kienet il-~~pillo~~la (pirmla) l-ħamra ta' darba fil-ġimgħa.
**Mifsud Camilleri**. Jista' jagħti l-kas li wara dak iż-żmien kollu li qattajt ma' marti, inti bqajt ma fehemtx ir-relazzjonijiet li kellna bejnietna?
**Rizzo**. X'jiġifieri?
**Mifsud Camilleri**. Eżattament dan li qed nistaqsik.
**Mħallef.** Sinjura, taħseb li Dr Mifsud Camilleri u martu kienu jaqblu flimkien iżda int stajt ma apprezzajtx dawn ir-relazzjonijiet?
**Rizzo**. Le, ma jistax ikun, Sur Imħallef. Għal ħafna snin jien kont nafhom sew. Is-sinjura kienet mara ħelwa għall-aħħar iżda l-avukat kien dejjem fis-sakra u jgħajjat magħna t-tnejn.
**Mifsud Camilleri**. Naħseb li dak li qed tipprova tgħid Rizzo lill-qorti, Sur Imħallef, hu li lili ma taħmilnix.
**Rizzo**. Iva, sewwa qed tgħid!

**Mifsud Camilleri**. Infatti, ma tara xejn tajjeb fija, hux hekk?
**Rizzo**. Kieku kien hemm xi ħaġa tajba x'ngħid fuqek kont nieħu pjaċir ngħidha lill-Imħallef.
**Mifsud Camilleri**. Jiġifieri li jinteressak hu li tagħmilli d-deni.
**Rizzo**. Le, jien mhux hekk għedt. Int qed tipprova ġġagħalni ngħid dak li trid tgħid int, bħal ma tagħmel ma' kulħadd. Kull ma rrid hu li toħroġ il-verità.
**Mifsud Camilleri**. Il-verità kif taħseb li rajtha int. X'għedt li jien għedt lil marti? "Se jiddispjaċik għal dak il-kliem"? Xi ħaġa hekk, hux?
**Rizzo**. Iva.
**Mifsud Camilleri**. U rfajt idejja fuqha, hux?
**Rizzo**. Iva.
**Mifsud Camilleri**. U talbitni bil-ħniena?
**Rizzo**. Iva. Stajt nismagħha ċar u tond mill-kċina.
**Mifsud Camilleri**. Qatt rajt xi dramm fuq il-palk? Jista' jkun li ħadt impressjoni ħażina ta' dak li kien qed jiġri tassew fis-salott?
**Rizzo**. Miniex nifhem.
**Mifsud Camilleri**. Kollox sew.
**Mħallef**. Naħseb li kkonfondejtha, Dr Mifsud Camilleri. Jiena miniex konvint li qed tifhmek għal kollox.
**Mifsud Camilleri**. Jiena niddubita kemm hi kapaċi tifhem, Sur Imħallef. Xejn ma tifhem ħlief il-preġudizzji li għandha fiha.

*Jidħol Joe Cachia bi flixkun ta' pilloli bojod li jgħaddih lil Borg Bugeja.*

**Mħallef**. Dr. Mifsud Camilleri, ma naħsibx li kellek tagħmel dik ir-rimarka. Il-ġurija m'għandhomx jagħtu kasha. Tixtieq terġa tinterroga lil Rizzo, Dr. Borg Bugeja?
**Borg Bugeja**. Iva, Sur Imħallef. Rizzo, dwar it-test li għamillek Dr Mifsud Camilleri... kienet sorpriża għalik... ma rnexxilekx tagħraf bejn il-pilloli ħodor u dawk blu. Għidli, is-sinjura kellha pilloli blu jew ħodor?
**Rizzo**. Le, ħomor biss... u bojod.
**Borg Bugeja**. Eżatt. U l-kulur li int għaraft kien l-aħmar. (*Joħroġ flixkun b'pilloli bojod*) X'kulur huma dawn il-pilloli f'dan il-flixkun?
**Rizzo**. (*ma twieġibx mill-ewwel*) Bojod.
**Borg Bugeja**. Tajjeb. Grazzi. Daqshekk mistoqsijiet, Sur Imħallef.

*L-Imħallef jagħmel sinjal lil Rizzo biex tmur f'postha.*

~~Borg Bugeja~~. Nixtieq insejjaħ lil Dr. Vella ~~Azzopardi~~.

*Jidħol Dr. Vella Azzopardi. Il-Purtier jagħtih il-ġurament.*

~~Borg Bugeja~~. Inti Dr. John Vella ~~Azzopardi~~?
**Vella Azzopardi**. Iva.
~~Borg Bugeja~~. Inti kont it-tabib ta' Netta Mifsud Camilleri?
**Vella Azzopardi**. Iva... u ta' Dr Mifsud Camilleri wkoll.
~~Borg Bugeja~~. Għid lill-qorti, jekk jogħġbok, kif sirt taf bil-mewt ta' Netta.

**Vella Azzopardi**. Dr. Mifsud Camilleri ċempilli filgħodu kmieni fl-24 ta' Marzu. Jiena mort mill-ewwel id-dar tiegħu iżda meta wasalt martu kienet diġà mejta.
**Borg Bugeja**. Fi x'ħin wasalt?
**Vella Azzopardi**. L-avukat ċempilli f'xi l-ħamsa u nofs ta' filgħodu u jien kont għandu ftit wara s-sitta.
**Borg Bugeja**. Fi x'ħin taħseb li mietet?
**Vella Azzopardi**. Bejn wieħed u ieħor f'xi l-erbgħa ta' filgħodu.
**Borg Bugeja**. Fl-erbgħa ta' filgħodu.
**Vella Azzopardi**. Iva.
**Borg Bugeja**. Jiġifieri meta ċempillek Dr. Mifsud Camilleri, martu kienet ilha mejta xi ftit.
**Vella Azzopardi**. Hekk nissoponi.
**Borg Bugeja**. Ma tinkwetakx il-biċċa, Dott, li Dr. Mifsud Camilleri qagħad jistenna iktar minn siegħa qabel ikkuntattjak?
**Vella Azzopardi**. Le. Hija ħaġa komuni li wieħed jibqa' waħdu għal ħin konsiderevoli ma' żewġu jew martu mejtin qabel jikkuntattja lil xiħadd. Kultant dawn jirrifjutaw li jaċċettaw il-fatt tal-mewt, u ma tagħtihomx tort.
**Borg Bugeja**. U skond l-opinjoni professjonali tiegħek din il-mewt kienet mewta naturali.
**Vella Azzopardi**. Iva.
**Borg Bugeja**. Inti tikkonsidra lilek innifsek bħala ħabib intimu ta' Dr. Mifsud Camilleri, hux, Dr. Vella ~~Azzopardi~~?
**Vella Azzopardi**. Hekk hu.
**Mifsud Camilleri**. Għalfejn dawn il-ħafna mistoqsijiet, Sur Imħallef? Ma nagħmlux mod li l-avukat qed jinsinwa li kien hemm xi konfoffa bejnietna?
**Mħallef**. Nispera li mhux hekk hu, ~~Dr. Borg~~ Bugeja. Cachia
**Borg Bugeja**. Lanqas xejn, Sur Imħallef. Dr. Mifsud Camilleri qed jattribwixxili mottivi ħżiena. Anzi għal kuntrarju, jiena qed nipprova nuri li Dr. Vella ~~Azzopardi~~ kien żgwidat apposta li l-mewta kienet minn kawżi naturali. Fil-fatt, Dr. Mifsud Camilleri jaf eżatt dak li kien għamel. Mela, Dr. Vella ~~Azzopardi~~, inti fl-ebda ħin ma ssuspettajt li Netta kienet ngħatat doża qawwija ta' mediċina, hux hekk?
**Vella Azzopardi**. Le, qatt ma kelli dan is-suspett.
**Borg Bugeja**. Taħseb li Netta kienet it-tip ta' mara kapaċi tneħħi ħajjitha b'idejha?
**Vella Azzopardi**. Le. Għalkemm ħadd ma jista' jkun żgur fiċ-ċirkustanzi.
**Borg Bugeja**. Dr. Vella Azzopardi, int kont li ktibt ir-riċetta għas-Cyclotoxelix?
**Vella Azzopardi**. Iva, jien kont.
**Borg Bugeja**. Meta kien dan?
**Vella Azzopardi**. (*jiċċekkja man-noti tiegħu*) Fit-23 ta' Frar.
**Borg Bugeja**. Kemm ordnajt pilloli?
**Vella Azzopardi**. Tnax.
**Borg Bugeja**. Tnax?
**Vella Azzopardi**. Iva. Biżżejjed għal tliet xhur.
**Borg Bugeja**. Għal darba fil-ġimgħa?
**Vella Azzopardi**. Iva.
**Borg Bugeja**. Jiġifieri... (*jikkonsulta d-djarju tiegħu*) it-23 ta' Frar – bdew mill-ewwel?
**Vella Azzopardi**. Iva.

**Borg Bugeja**. It-tnejn ta' Marzu... id-disgħa... is-sittax... it-tlieta u għoxrin. Ħames ġimgħat?
**Vella Azzopardi**. Iva.
**Borg Bugeja**. Jiġifieri kemm kien għad fadal? (*It-tabib ma jweġibx mill-ewwel*) Sebgħa?
**Vella Azzopardi**. Iva, hekk naħseb.
**Borg Bugeja**. Hekk taħseb? Forsi jien għoddejt ħażin?
**Vella Azzopardi**. Le, ma naħsibx.
**Borg Bugeja**. Ma taħsibx. Iżda inti m'għoddejtx kemm kien baqa' pilloli?
**Vella Azzopardi**. Iva għoddejthom iżda mhux kif qed tgħid int. Iċċekkjajt kemm kien hemm.
**Borg Bugeja**. Sewwa. Jiġifieri xorta waħda ma ħsibtx li tbiddel l-opinjoni tiegħek dwar il-kawża tal-mewt ta' Netta?
**Vella Azzopardi**. ~~Le~~. Le
**Borg Bugeja**. Ħa nara, forsi nista' jien. Għidli, Dott, seta' xiħadd li qara t-tikketta fuq il-flixkun jibqa' fid-dubju dwar x'jista' jkun ir-riżultat ta' doża żejda?
**Vella Azzopardi**. Ma naħsibx.
**Borg Bugeja**. Ħa nkunu żguri mija fil-mija, m~~hux hek~~k, Dr. Vella A~~zzopar~~di? Tista' jekk jogħġbok taqra lill-qorti x'hemm miktub fuq it-tikketta ta' dan il-flixkun? – Sur Imħallef, d~~okume~~nt numru 1. evidenza

*Il-Purtier inewwel il-flixkun lil Dr. Vella Azzopardi.*

**Borg Bugeja**. Għidilna, Dr. Vella ~~Azzopar~~di.
**Vella Azzopardi**. "Cyclotoxelix. Pillola waħda żewġ grammi u nofs kull sebat ijiem. Żomm f'armarju maqful. Mediċina iżjed minn dik ordnata mit-tabib tista' tkun fatali."
**Borg Bugeja**. (*Jenfasizza l-kelmiet*) Tista' – tkun – fatali. Ċara daqs il-kristall, Dott. Safrattant int ħadt b'sorpriża l-investigazzjonijiet tal-pulizija u r-rapport tal-patoloġista.
**Vella Azzopardi**. Iva, veru.
**Borg Bugeja**. L-aħħar punt, Dr. Vella Azzopardi. Meta eżaminajt lil Netta, ma sibt fuqha l-ebda tbenġil?
**Vella Azzopardi**. Iva, kien hemm tbenġila kbira mhux ħażin in-naħa ta' barra ta' driegħha tal-lemin li...
**Borg Bugeja**. Setgħet dik it-tbenġila kienet ikkawżata minn daqqa?
**Vella Azzopardi**. Jista' jkun, iżda...
**Borg Bugeja**. Forsi minn daqqa ta' flixkun?
**Vella Azzopardi**. Ma naħsibx.
**Borg Bugeja**. Għaliex le? Jekk jiena nagħtik daqqa ta' flixkun (*jimmima d-daqqa*) u inti tipprova tevita dik id-daqqa bi driegħek...? (*jerġa' jimmimja*)
**Vella Azzopardi**. Jista' jkun iżda...
**Borg Bugeja**. Jista' jkun.
**Vella Azzopardi**. (*Kontra qalbu*) Iva.
**Borg Bugeja**. Grazzi, Dott. ~~Ibqa' hemm.~~ (*Joqgħod bilqiegħda*)
**Mifsud Camilleri**. Dr. Vella Azzopardi, kemm kont ilek it-tabib ta' marti?
**Vella Azzopardi**. Sbatax-il sena.
Mifsud Camilleri. Jiġifieri ma nkunx qed ngħid ħażin jekk ngħid li kont taf il-familja sew.

**Vella Azzopardi**. Iva, kelli dak il-privileġġ.
**Mifsud Camilleri**. Fil-każ tagħna, marti kellha xi mard?
**Vella Azzopardi**. Iva, l-aħħar erbatax-il xahar kont qed nikkuraha għal Lymphosarcoma.
**Mifsud Camilleri**. Tista' tispjegalna xi tfisser?
**Vella Azzopardi**. Huwa kanċer tal-glandoli limfatiċi.
**Mifsud Camilleri**. U marti kienet ~~fuq id-drogi~~? medicina
**Vella Azzopardi**. Iva, Cyclotoxelix.
**Mifsud Camilleri**. U kellha ħafna wġiegħ?
**Vella Azzopardi**. Iva, spiss. Kważi l-ħin kollu. Kien il-kuraġġ kbir li kellha li żammha ħajja.
**Mifsud Camilleri**. Jiġifieri l-mewt tagħha kienet barka għax ħelsitha mill-uġigħ, mhux hekk?
**Borg Bugeja**. Noġġezzjona, Sur Imħallef. Dr. Vella ~~Azzopardi~~ ma jistax iwieġeb dwar dak li kellu f'moħħu Alla l-Imbierek.
**Mħallef.** Naqbel. Membri tal-ġurija, injoraw din l-aħħar sentenza. Attent fil-mistoqsijiet tiegħek, Dr. Mifsud Camilleri.
**Mifsud Camilleri**. Skużani, Sur Imħallef.
**Mħallef**. M'għandekx għalfejn twieġeb din l-aħħar mistoqsija, Dr. Vella ~~Azzopardi~~.
**Vella Azzopardi.** Ngħid għalija, jiena tlabt li tmut.
**Mħallef**. X'għadek kemm għedt, Dr. Vella ~~Azzopardi~~?
**Vella Azzopardi**. Tlabt li tmut, Sur Imħallef. Kienet mara mill-aħjar. Ma kienx ħaqqha tbati b'dak il-mod.
**Mħallef.** (*b'mod iebes*) Il-ġurati għandhom jinjoraw ukoll din l-aħħar sentenza. M'għandha x'taqsam xejn mal-każ. Dr. Mifsud Camilleri, jekk jogħġbok aqbad linja oħra ta' mistoqsijiet.
**Mifsud Camilleri**. Kif tgħid int, Sur Imħallef. Nixtieq nerġa' mmur għat-tbenġila li marti kellha fuq driegħha, ~~Dr. Vella Azzopardi~~, li l-avukat ~~Borg Bu~~geja enfasizza ftit ilu. Jiena tajt spjegazzjoni ċara dwar kif ġrat dik it-tbenġila? Cachia
**Vella Azzopardi**. Iva. Inti kont għedtli li martek kienet waqgħet.
**Mifsud Camilleri**. It-tbenġila kienet konsistenti ma' dik il-waqgħa?
**Vella Azzopardi**. Iva, kienet. B'mod awtomatiku wieħed joħroġ driegħu biex jipprova jilqa' għal waqgħa...
**Mifsud Camilleri**. Sewwa. Dott, inti xehedt li marti kellha uġigħ kbir minn kanċer inkurabbli li għalih għal dawn l-aħħar erbatax-il xahar int kont qed tagħtiha ~~drogi~~, hux hekk? Medicina
**Vella Azzopardi**. Iva.
**Mifsud Camilleri**. Ma taqbilx miegħi li hija kienet waslet biex tmut u setgħet mietet dakinhar li mietet?
**Vella Azzopardi**. Jista' jkun.
**Mifsud Camilleri**. U qatt daħallek f'moħħok li jiena stajt qtilt lil marti billi tajtha doża żejda ta' drogi?
**Vella Azzopardi**. Le, qatt.
**Mifsud Camilleri**. Seta' kien hemm spjegazzjoni oħra għal din id-doża żejda?
**Vella Azzopardi**. Skond jiena iva. Martek kienet ilha tieħu dawn id-drogi għal perjodu twil ta' żmien li seta' ġab akkumulazzjoni ġenerali....
**Borg Bugeja** (*iqum jiġri minn postu*) Sur Imħallef, ir-rapport tal-patoloġista...

**Mħallef.** Naqbel miegħek, Dr. Borg Bugeja. Dr. Vella Azzopardi, nifhem għal kollox kemm hija ħaġa tqila li tagħti evidenza f'ġuri li jinvolvi ħabib intimu, iżda dan ma jagħtikx il-libertà li tesprimi opinjonijiet personali li jikkontradixxu l-evidenza maqbula. Il-ġurija jridu għal darb'oħra jinjoraw dak li ntqal.

**Mifsud Camilleri**. Immorru lura għall-pilloli Cyclotoxelix. Kien fadal sitta biss fil-flixkun...

**Vella Azzopardi**. Iva.

**Mifsud Camilleri**. U suppost li kien fadal sebgħa, hux hekk? (*Vella Azzopardi jgħid iva b'rasu*) Dak ifisser li kien sar użu minn ammont eċċessiv. Sewwa qed ngħid?

**Vella Azzopardi**. Hekk jidher.

**Mifsud Camilleri**. Ma jfissirx li dan sar dik l-aħħar lejla, mhux hekk?

**Borg Bugeja**. (*Iqum bilwieqfa*) Sur Imħallef...

**Mħallef**. Iva, Dr. Borg Bugeja. Membri tal-ġurija, ir-rapport tal-patoloġista jindika b'mod ċar li żieda konsiderevoli ta' Cyclotoxelix kienu nstabu fil-ġisem, ammont mhux konsistenti mas-suġġeriment ta' Dr. Mifsud Camilleri u ta' Dr. Vella Azzopardi. Dr. Mifsud Camilleri, beħsiebek tkompli fuq dan is-suġġett?

**Mifsud Camilleri**. Le, Sur Imħallef. M'għandix iktar mistoqsijiet. Grazzi, Dott.

**Mħallef**. Tixtieq terġa' tistaqsi xi ħaġa, Dr. Borg Bugeja?

**Borg Bugeja**. Ċertament, Sur Imħallef. Dott., inti għedt li Netta kienet qrib il-mewt u jista' jkun li setgħet mietet dakinhar li mietet. Irrid nistaqsik jekk kienx possibbli jew probabbli?

**Vella Azzopardi**. Possibbli.

**Borg Bugeja**. *Mhux* probabbli. U kieku ma mitetx f'dak il-lejl b'doża qawwija ta' Cyclotoxelix kif kien irrapurtat b'mod ċar mill-patoloġista, kemm taħseb li setgħet tispera li tgħix?

**Vella Azzopardi**. Imma kif jista jkun nagħti opinjoni dwar ħaġa bħal dik?

**Borg Bugeja**. U ejja, Dr. Vella Azzopardi, m'għandekx għalfejn tibqa' lura dwar din il-mistoqsija! Inti għedt lill-qorti li kienet l-opinjoni professjonali tiegħek li *setgħet* mietet dak il-lejl. Issa żgur li tista' tgħidilna kemm *setgħet* tispera li tgħix.

**Vella Azzopardi**. Naħseb li... *setgħet* tgħix sentejn, forsi tliet snin oħra.

**Borg Bugeja**. *Tliet snin oħra*?

**Vella Azzopardi**. Jista' jkun – l-aktar l-aktar.

**Borg Bugeja**. Jista' jkun? Allura nixtieq inkun naf l-opinjoni professjonali tiegħek dwar xi ħaġa oħra. (*Iħares lejn in-noti tiegħu*) Lymphosarcoma – qed isiru xi riċerki dwar dan it-tip ta' kanċer bit-tama li xi darba jsibu mod kif ifejqu u jsalvaw każijiet bħal ta' Netta?

**Vella Azzopardi**. Qed isiru riċerki estensivi iżda s'issa għad m'hemm l-ebda sinjal ta' xi skoperta ġdida.

**Borg Bugeja**. Taħseb li *jista'* jkun hemm xi skoperta f'dawn it-tliet snin li ġejjin...?

**Vella Azzopardi** (*Jiddispjaċih li kien tkellem iktar milli suppost*) *Jista'* jkun.... iva.

**Borg Bugeja**. "Jista' jkun.... iva." Grazzi, Dr. Vella Azzopardi. M'għandix iktar mistoqsijiet, Sur Imħallef. / Insejjaħ issa lil Dr Hili ~~Said~~.

*Jidħol Hili Said u l-Purtier jagħtih il-ġurament.*

**~~Borg Bugeja~~**. Inti Dr. Stephen Hili Said, avukat tal-Qorti Suprema u sieħeb prinċipali tal-kumpanija ta' avukati Hili ~~Said~~ & Gauci?

**Hili Said**. Iva.

**Borg Bugeja**. Il-kumpanija tiegħek kienu l-avukati tal-mejta Netta u ta' Dr. Mifsud Camilleri?

**Hili Said**. Iva, għandna dak l-unur.

**Borg Bugeja**. Netta Mifsud Camilleri ħalliet testment, Dr Hili Said?

**Hili Said**. Iva, ħalliet.

**Borg Bugeja**. Min kienu l-benefiċjarji?

**Hili Said**. Ingħataw xi karitajiet żgħar iżda l-biċċa l-kbira mill-beni tħalliet lil żewġha Dr Mifsud Camilleri.

**Borg Bugeja**. Mmm. Fiex jikkonsistu dawn il-.....din il-beni, Dr. Hili Said?

**Mifsud Camilleri** (*iqum bilwieqfa*) Din relevanti, Sur Imħallef?

**Mħallef.** Naħseb li ma ndumux ma nsiru nafu, Dr. Mifsud Camilleri. Kompli, Sur Avukat, jekk jogħġbok.

**Hili Said**. Id-dar li kienu jgħixu fiha.

**Borg Bugeja**. Ta' min kienet din id-dar, Dr. Hili Said?

**Hili Said**. Ta' Netta Mifsud Camilleri.

**Borg Bugeja**. U x'iktar ħalliet lil żewġha?

**Hili Said**. Xi ishma u flus kontanti.

**Borg Bugeja**. Jiġifieri l-valur totali tal-wirt kien...? (*Hili Said ma jweġibx*) Bilfors li kien hemm prezz fuq il-beni, Dr. Hili Said, għall-validità tat-testment. Jekk tneħħi l-karitajiet li ngħataw, xi tkun il-figura...?

**Hili Said**. Inkluża d-dar?

**Borg Bugeja**. Naturalment, il-valur sħiħ tal-wirt.

**Hili Said.** (*Jerġa' jdum biex iwieġeb*) Ftit iktar minn miljun lira.

**Borg Bugeja**. Ftit iktar minn miljun lira.

**Hili Said**. Naturalment, inqas minn terz minnu huma flus kontanti.

**Borg Bugeja**. Naturalment. Jiġifieri... għall-ewwel darba f'ħajtu Dr Mifsud Camilleri sab ruħu raġel sinjur.

**Hili Said**. Bir-rispett kollu nista' ngħid li għall-ewwel darba f'ħajtu huwa sab ruħu raġel fqir.

**Borg Bugeja**. Mhuwiex issa raġel sinjur ħafna?

**Hili Said**. Jiddependi kif tikkalkula l-ġid, Dr. Borg Bugeja.

**Borg Bugeja**. Naqbel miegħek, Sur Avukat. Kieku jien kelli iktar minn miljun lira, kont inqis ruħi sinjur kbir. Kif naħseb li jistgħu jgħidu l-membri tal-ġurija, jekk mhux kollha flimkien. M'għandix iktar mistoqsijiet, Sur Imħallef.

**Mifsud Camilleri**. Dr. Hili Said, hemm xi insinwazzjoni li jiena xi darba sibt ruħi mbarazzat finanzjarjament?

**Hili Said**. Mhux sa fejn naf jien.

**Mifsud Camilleri**. Jew li kelli bżonn partikulari ta' xi flus?

**Hili Said**. Le. Għal ħafna snin inti rċevejt dħul tajjeb ħafna mill-avukatura fejn is-servizzi tiegħek kienu mfittxija bil-kbir.

**Mifsud Camilleri**. Kemm ilek taf kemm lili kif ukoll lil marti?

**Hili Said**. Jiena servejtkom għal għoxrin sena sħaħ.

**Mifsud Camilleri**. U x'għandek xi tgħid dwar ir-relazzjonijiet tagħna?

**Hili Said**. M'hemmx xi tmaqdar. Wieħed jista' biss jammira, anzi jgħir għalikom it-tnejn.

**Borg Bugeja**. (*Minn taħt l-ilsien lil Cachia*) "Qaddej tajjeb u fidil".

**Mifsud Camilleri**. Grazzi, Sur Avukat. M'għandix iżjed mistoqsijiet, Sur Imħallef.
**Borg Bugeja**. Nista' nistaqsik, Dr. Hili Said, kemm-il darba rajt lil Dr. Mifsud Camilleri u lil martu flimkien? (*Hili Said ma jweġibx*) Darba kuljum, darba fil-ġimgħa, darba fix-xahar...?
**Hili Said**. Ma nistax ngħid eżatt...
**Borg Bugeja**. Forsi darba fis-sena?
**Hili Said**. Le, le. Iktar, forsi darba fix-xahar.
**Borg Bugeja**. Jista' jkun li fil-preżenza tagħkom l-avukat Mifsud Camilleri kien juri ċerta attenzjoni lejn martu filwaqt li xiħadd li jgħix fl-istess dar u jarahom kuljum kien josserva mod ieħor?
**Hili Said**. F'dak il-każ, Sur Avukat, l-attenzjoni fl-uffiċċji tagħna baqgħet sejra għal perjodu ta' għoxrin sena sħaħ mingħajr qatt ma rajt xi għajn ħażina fihom.
**Borg Bugeja**. Dak jiddependi fuq kif kont timmaġina dak li kont tara. M'għandix iktar mistoqsijiet, Sur Imħallef. U b'hekk nikkonkludu l-każ għall-Prosekuzzjoni, Sur Imħallef. Miniex se nsejjaħ iktar xhieda.
**Mħallef**. Tajjeb ħafna. Mela naħseb li nistgħu nqumu għall-ikel. Inkomplu fis-sagħtejn.
**Purtier**. Kulħadd iqum bilwieqfa.

*Jintfew id-dwal. Meta jerġgħu jinxtegħlu jidħol l-Imħallef. Cachia qiegħed barra l-awla. Hili Said qiegħed bilqiegħda ħdejn Pisani. Mifsud Camilleri jaqsam lejn il-post tax-xhieda.* Get accounts sheets

**Mħallef**. Dr. Pisani... se ssejjaħ xi xhieda?
**Pisani**. Lil Dr. Mifsud Camilleri biss, Sur Imħallef.
**Mħallef.** Int taf.

~~Go to page 18~~

**Cachia**. (*Jidħol jiġri ħdejn Borg Bugeja b'karta f'idu*) Għadhom kemm għaddewli din.
**Borg Bugeja**. Iċċekkjaha sewwa. Agħtini l-figura eżatti. Iżda tpoġġihiex quddiemi jekk ma tkunx ta' importanza. Se nipprova nżommu fuq saqajh kemm nista'. (*Cachia joħroġ*)
**Mifsud Camilleri**. Naħlef u ngħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa. Hekk Alla jgħinni.
**Pisani.** Inti Dr. Salvatore Mifsud Camilleri, avukat tal-liġi?
**Mifsud Camilleri**. Iva.
**Pisani**. Tista' fi kliemek tgħid lill-ġurija x'ġara filgħaxija tat-23 ta' Marzu ta' din is-sena u filgħodu kmieni ta' l-24...?
**Mifsud Camilleri**. Iva. Wara li ħriġt tard mill-qorti ddeċidejt li niekol xi ħaġa ta' malajr fil-klabb u wasalt id-dar ftit wara t-tmienja u nofs. Marti dehret qalbha sewda għalhekk ftaħt flixkun inbid bit-tama li jagħmlilha tajjeb. L-inbid – jew jien – irnexxieli għal ftit ħin inqawwilha qalbha, iżda għandi suspett li għal darb'oħra kienet qed taħbili li kienet muġugħa. Ftit qabel l-għaxra, wara li ħadet il-pilloli, għentha biex titla' fuq fis-sodda.
**Pisani**. Mbagħad x'ġara, Sur Avukat?
**Mifsud Camilleri**. Jien ukoll dħalt fis-sodda u rqadt mill-ewwel. Iżda f'xi t-tlieta qomt wara li smajt ħoss li donnu kien ġej mill-kċina. Twerwirt meta rajt li marti ma kinitx ħdejja fis-sodda. Għalhekk inżilt niġri isfel fejn sibtha mixħuta fl-art ~~fis-salott~~ fis-salott. Ġbartha mill-art u għentha biex toqgħod fuq il-pultruna.
**Pisani**. Kienet mitlufa minn sensiha?

**Mifsud Camilleri**. Le, iżda kienet dgħajfa minħabba l-waqgħa.
**Pisani**. Mbagħad x'ġara, Sur Avukat?
**Mifsud Camilleri**. Talbitni nagħmlilha ftit te u mort mill-ewwel fil-kċina. Meta ġejt lura bit-te l-uġigħ żdidilha ħafna iktar milli kien il-lejl ta' qabel. F'idejha kellha l-fliexken tal-pilloli u kienet qed tipprova tiftaħ wieħed minnhom. Tagħthom lili u talbitni biex nitfagħlha waħda mill-pilloli fit-te u hekk għamilt.
**Pisani**. X'kulur kienet il-pillola li tagħtek?
**Mifsud Camilleri**. Ma niftakarx. Dak il-ħin kont moħħni fil-kundizzjoni ta' saħħitha u tlabt li jħossha aħjar wara li tieħu l-mediċina...
**Pisani.** Kompli.
**Mifsud Camilleri**. U, għall-grazzja t'Alla, hekk ġara. Ħadtilha l-kikkra minn idha u dehret li kienet se torqod. Ħsibt li jkun aħjar jekk ma nippruvax intellagħha fuq biex ma ntellifhiex mir-raqda. Mbagħad... bdiet tiksaħ... u ma stajtx nismagħha tieħu n-nifs. Ħadtilha l-polz iżda ma stajt inħoss xejn. (*Jieqaf għal ftit*) Kien dak il-ħin li ċempilt lil Dr. Vella ~~Azzopardi~~. Huwa wasal mill-ewwel... f'inqas minn siegħa... u kkonfermali dak li kont qed nibża'.
**Pisani**. Sewwa. Niskuża ruħi għal mistoqsija li se nagħmillek issa, Sur Avukat, għax naf minn xiex għaddejt. Inti kont kuntent fiż-żwieġ tiegħek jew, kif qalet is-serva, kellkom xi tgħidu dik il-lejla?
**Mifsud Camilleri**. Ma kellniex xi ngħidu, Dr. Pisani. L-uniċi suġġetti li ma qbilniex dwarhom kienu ~~Dylan Thomas~~ u l-~~cricket~~. Kemm nixtieq li għadha ħajja ħalli nkun nista' naqbadha magħha issa stess dwar dawn is-suġġetti.
**Pisani**. Grazzi, Dr. Mifsud Camilleri. M'għandix iżjed mistoqsijiet x'nagħmel, Sur Imħallef.
**Mħallef**. Dr. Borg Bugeja.
**Borg Bugeja**. Dr. Mifsud Camilleri, kellek xejn każijiet ta' qtil matul iż-żmien?
**Mifsud Camilleri**. Iva, ħafna.
**Borg Bugeja**. U kellek rata għolja ta' suċċess?
**Mifsud Camilleri**. Rata li naf li inti żgur tieħu pjaċir biha.
**Borg Bugeja**. U din l-esperjenza tinkludi qtil bil-velenu?
**Mifsud Camilleri**. (*Ma jweġibx mill-ewwel*) Iva.
**Borg Bugeja**. Jiġifieri din mhix esperjenza ġdida għalik.
**Mifsud Camilleri**. Mhux eżattament iżda...
**Borg Bugeja**. Għalhekk naħseb li inti taf sewwa kif tippreżenta difiża tajba meta jkun każ batut, sewwa qed ngħid?
**Mifsud Camilleri**. Iva, iżda...
**Borg Bugeja**. (*jirrabja*) M'għandix għalfejn infakkrek, speċjalment lilek, Sur Avukat, li għandek twieġeb biss għall-mistoqsijiet li nagħmillek. Mela ħalli niftehmu almenu fuq ħaġa waħda. M'għandekx avversarju fl-avukatura meta tiġi biex tiddefendi każ batut. Il-ġurija tista' sserraħ rasha li quddiemhom għandhom espert.
**Mifsud Camilleri**. Fl-imgħoddi inti qatt ma kont lest tammetti dan li qed tgħid issa.
**Borg Bugeja**. L-ewwelnett, għidli jekk temminx li s-serva Rizzo hix mara diżonesta?
**Mifsud Camilleri**. Le, iżda...
**Borg Bugeja**. Jiġifieri fl-opinjoni tiegħek Rizzo hija mara onesta. Mela ħalli mmorru lura għax-xhieda *tagħha* dwar il-lejl tat-23 ta' Marzu. Kmieni dik il-lejla inti rfajt idek fuq martek wara li akkużatek li kont fis-sakra?

**Mifsud Camilleri**. Żgur li le. Konna qed niċċajtaw, taparsi kont qed insawwatha, xejn bis-serjetà.

**Borg Bugeja**. Tiċċajtaw, xejn bis-serjetà? Taparsi kont qed issawwatha? Safrattant dik it-taparsi kkawżat tbenġil serju u attwali fuq drieghha.

**Mifsud Camilleri**. It-tbenġila saret meta marti waqgħet waqt li jien kont fil-kamra tas-sodda.

**Borg Bugeja**. Dak int qed tgħidu. Issa ftit ilu inti ddevertejtna meta għedtilna li kien ikollkom xi tgħidu biss dwar Dylan Thomas jew il-cricket... iżda ma nafx kemm din hija vera. Ma kellkomx xi tgħidu bis-serjetà dik il-lejla meta int wasalt id-dar tard.... u fis-sakra?

**Mifsud Camilleri**. Ma kontx tard, fis-sens li wasalt wara xi ħin miftiehem. Ix-xogħol żammni l-qorti mbagħad mort niekol xi ħaġa fil-klabb tas-soltu.

**Borg Bugeja**. U xrobt.

**Mifsud Camilleri**. Iva, xrobt ftit inbid.

**Borg Bugeja**. Jekk martek kienet tant muġugħa, ma kontx turiha iktar rispett kieku bqajt sejjer dritt id-dar biex tkun magħha kif jagħmel kull raġel miżżewweġ f'dawn iċ-ċirkustanzi?

**Mifsud Camilleri**. Jiena dejjem ippruvajt ma nkunx ta' inkonvenjenza għaliha.

**Borg Bugeja**. Billi tasal id-dar fis-sakra u tibda tiġġieled?

**Mifsud Camilleri**. Ma ġġilidniex.

**Borg Bugeja**. Lanqas taparsi ġlieda?

**Mifsud Camilleri**. Taparsi ġlieda, forsi.

**Borg Bugeja**. Li nstemgħet minn Rizzo?

**Mifsud Camilleri**. Hi hekk qalet.

**Borg Bugeja**. Taparsi thedded li ssawwat lil martek?

**Mifsud Camilleri**. Iva, taparsi, biċ-ċajt.

**Borg Bugeja**. Taparsi? Biċ-ċajt? Ma' mara qed tmut?

**Mifsud Camilleri**. F'ġieħ Alla! Kont qed nipprova nagħmlilha l-kuraġġ.

**Borg Bugeja**. Billi tgħajjat magħha?

**Mifsud Camilleri**. Iva. Tnejn miżżewġa maż-żmien ikollhom ċertu ċajt bejniethom li la jinftiehem mill-barranin u lanqas għandu jiġi diskuss fil-qorti.

**Borg Bugeja**. Dan tiegħek ċertament li la jista' jinftiehem mill-barranin u lanqas ikun diskuss fil-qorti għax kieku żgur jiġi miftiehem ħażin.

**Mifsud Camilleri**. Sewwa qed tgħid.

**Borg Bugeja**. U dak hu li fehmet is-serva Rizzo.

**Mifsud Camilleri**. Hekk hu.

**Borg Bugeja**. U anke ħaddieħor kien jifhmu bħalha. Ħa niġu għal xi ħaġ'oħra, Dr. Mifsud Camilleri. Kont xrobt ħafna qabel wasalt id-dar dik il-lejla?

**Mifsud Camilleri**. Mhux iktar mis-soltu.

**Borg Bugeja**. Dik hija tweġiba speċjali li ma tagħtina l-ebda informazzjoni. Iżda ma rridx nimbarazzak billi nsaqsik biex tgħidli kemm hu "tas-soltu". Ħa mmorru għal dak li xrobt *wara* tas-soltu. (*Iħares lejn in-noti li kellu*) Żewġ fliexken Mouton Rothschild... 1961... qabal dħalt torqod, sewwa qed ngħid?

**Mifsud Camilleri**. Iva.

**Borg Bugeja**. Ma jidhirlekx li dak huwa xorb eċċessiv?

**Mifsud Camilleri**. Mhux fiċ-ċirkostanzi.

**Borg Bugeja**. X'ċirkostanzi huma?
**Mifsud Camilleri**. Ħassejtni mdejjaq – it-tnejn konna mdejqin – dwar il-marda ta' marti.
**Borg Bugeja**. Ma taħsibx li kien ix-xorb eċċessiv li kont tixrob li kien idejjaq tant lil martek?
**Mifsud Camilleri**. Le. Jien miniex alkoliku, Sur Avukat, bħal ma qed timplika.
**Borg Bugeja**. Jien ma semmejtx il-kelma alkoliku.
**Mifsud Camilleri**. Le, iżda hekk qed timplika.
**Borg Bugeja**. Le m'jien qed nimplika xejn. Li rrid ngħid hu li kien ix-xorb eċċessiv li kont tixrob li kien iġelldek ma' martek.
**Mifsud Camilleri**. (*jgħajjat*) Aħna ma kellna l-ebda ġlieda dik il-lejla. Rizzo interpretat ħażin ir-relazzjonijiet ta' bejnietna t-tnejn.
**Borg Bugeja** (*bil-kalma*) Jekk tkompli tgħajjat, Sur Avukat, il-ġurija wkoll jistgħu jinterpretawk ħażin u jaħsbu li int tlift it-tempra dak il-lejl. Mela ħalli niġbru kollox flimkien. Inti ma kellekx xi tgħid ma' martek għax wasalt tard jew għax kont xrobt iżżejjed, u lanqas ma rfajt idejk fuqha... Is-serva Rizzo immaġinat dawn l-affarijiet kollha li fil-fatt jistgħu jiġu spjegati bħala stampa ta' żwieġ normali u ħieni.
**Mifsud Camilleri**. Kieku ini kont miżżewweġ, Sur Avukat, kieku kont tibda tifhem aħjar.
**Borg Bugeja**. Ħa ndunru issa għall-beni ta' martek u għall-benefiċjarji. Sewwa qed ngħid li issa minħabba l-mewt ta' martek għandek kapital ta' iktar minn miljun lira...?
**Mifsud Camilleri**. Bid-dar b'kollox, iva.
**Borg Bugeja**. X'kienet il-qagħda finanzjarja personali tiegħek meta martek kienet għadha ħajja?
**Mifsud Camilleri**. Kelli ftit ishma u xi flus mislufin mill-bank.
**Borg Bugeja**. Ma tantx jinstemgħu wisq. Bilfors li tonfoq ħafna flus. Kemm jiswa flixkun Mouton Rothschild? Tas-sena 1961?
**Mifsud Camilleri**. Naf żgur li diġà għandek l-informazzjoni kollha. Però jien ma nafx. Kont fortunat biżżejjed li writt l-inbid li għandi.
**Borg Bugeja**. Dak wirt ieħor. Ma kontx miżżewweġ qabel, hux, Sur Avukat?
**Mifsud Camilleri**. Le. Dak il-wirt ġie minn dak li kien il-kap ta' l-uffiċċju ta' l-avukati.
**Borg Bugeja**. Li naturalment kien jaf l-użanzi tiegħek.
**Mifsud Camilleri**. Kien jaf ukoll li jiena iktar nippreferixxi ftit inbid tajba milli kontroeżami inferjuri.

~~*Cachia jidħol u jmur dritt ħdejn Borg Bugeja.*~~ X ~~From~~ 18 15 ngħaddi sħab kollega tiegħi

**Borg Bugeja**. Sur Imħallef, ~~ippermettili~~ mument.
~~**Mħallef**. Ċertament.~~

~~**Borg Bugeja**~~ Cachia. (*Wara li jistudja l-fajl li jgħaddilu Cachia*) Dr. Mifsud Camilleri, nixtieq issa ndur għall-qagħda finanzjarja tiegħek.
**Pisani**. Noġġezzjona, Sur Imħallef. Din issa fejn se twassalna?
**Mħallef.** Dr. ~~Borg Bugeja~~ Cachia, naħseb li wasal il-ħin li tasal ~~għall-punt tiegħek~~ il-prosekuzzjoni. Jekk hemm.
**Borg Bugeja**. Hemm, hemm, Sur Imħallef. Dr. Mifsud Camilleri, tikkonferma li eżatt qabel mietet martek, kellek tagħti mitejn u wieħed u tmenin elf lira lill-ishma llistjati fil-borża? U li kienu qed jiġru warajk biex tħallas?

**Mifsud Camilleri**. Iva. Kont investejt f'xi ishma wara li ngħatajt parir minn ħabib antik. L-ishma waqgħu f'daqqa meta x-xniegħa ta' tentattiv biex jittieħed il-kontroll tal-kumpanija ma seħħitx. Sfortunatament, ma stajtx inħallas l-ammont kollu meta l-kont wasal biex jagħlaq.
**Borg Bugeja**. "Xniegħa ta' tentattiv biex jittieħed il-kontroll tal-kumpanija", "parir minn ħabib antik" – ma jkunx iktar eżatt jekk ngħid li l-ispetturi tal-gvern intbagħtu biex jiċċekkjaw il-kotba tal-kumpanija għax kien hemm suspett ta' "kummerċ minn ġewwa"? insider trading
**Mifsud Camilleri**. Iva, iżda jien ma kont naf xejn.
**Borg Bugeja**. Jiġifieri int ma kellek x'taqsam xejn ma' dan il-"kummerċ minn ġewwa"? insider trading
**Mifsud Camilleri**. Kieku kelli x'naqsam ma kontx nitlef flusi kollha.
**Borg Bugeja**. "Flusek kollha". Sewwa smajtek, Sur Avukat? Flusek *kollha*. Mela allura ħa nippruvaw naraw issa kif ġrat din il-biċċa. Inti xtrajt l-ishma mingħajr ma kellek il-flus biex tħallas għalihom, sewwa?
**Mifsud Camilleri**. Dik hija l-prattika normali.
**Borg Bugeja**. Jiġifieri xi ħaġa li kont għamilt qabel?
**Mifsud Camilleri**. Darba jew darbtejn.
**Borg Bugeja**. Inkun qed ngħid sewwa li din ma kinitx l-ewwel transazzjoni ta' l-ishma li spiċċat b'dan il-mod diżastruż?
**Mifsud Camilleri**. Iva, dan l-aħħar kelli perjodu ta' sfortuna.
**Borg Bugeja**. Jiġifieri nxtraw ishma f'ismek bi flus li inti ma kellekx u issa kont qed tiġi mġiegħel tħallashom. Mitejn u wieħed u tmenin elf lira!
**Mifsud Camilleri**. Hekk hu.
**Borg Bugeja**. U dan ftit qabel il-mewt ta' martek?
**Mifsud Camilleri**. Iva.
**Borg Bugeja**. U min kien qed iġagħlek tħallas? Il-kumpanija?
**Mifsud Camilleri**. Iva. Wieħed jismu Chetcuti, wieħed mis-sħab.
**Borg Bugeja**. Kien dan Chetcuti li kien qed jiġri warajk b'mod partikulari?
**Mifsud Camilleri**. Iva.
**Borg Bugeja**. Kif kien qed jiġri warajk?
**Mifsud Camilleri**. F'dawk iż-żminijiet permezz ta' telefonati impertinenti. Kien qed jinkwieta li jekk ma nħallasx fil-ħin, huwa jitlef l-impieg tiegħu.
**Borg Bonaci**. Ma neħodhiex bi kbira. Kien iċempillek id-dar?
**Mifsud Camilleri**. Iva u anke fl-uffiċini ta' l-avukati.
**Borg Bonaci**. Kienet ħaġa skomda għalik. X'kien jiġri kieku ma ħallastx id-dejn tiegħek fil-ħin? Qed ngħid naturalment għall-karriera tiegħek.
**Mifsud Camilleri**. Inti tafha t-tweġiba. Bla dubju ta' xejn kont nitneħħa mil-lista ta' l-avukati.
**Borg Bugeja**. U bla dubju kien ikollok tirriżenja minn President tal-Kunsill ta' l-Avukatura.
**Mifsud Camilleri**. Iva.
**Borg Bugeja**. Imbarazzanti tassew! Iżda fortunatament irnexxielek tħallas id-dejn bil-flus li b'mod konvenjenti ħallietlek martek, veru?
**Mifsud Camilleri**. Iva, hekk hu.
**Borg Bugeja**. Fl-aħħarnett, Sur Avukat... fil-lejla fatali in kwestjoni... lil martek rajtha tieħu l-pilloli qabel daħlet fis-sodda?
**Mifsud Camilleri**. Iva, iżda jiena kont in-naħa l-oħra tal-kamra.

Page 19.

Imhallef – Ippermettili ftit Sur Avukat halli nispjega ftit lill-gurija dan it-terminu. 'Insider Trading' ifisser dan. Ifhmuni sew. Meta Kumpanija tkun sejra hazin l-ishma taghha normalament jitbaxxew. Ikun hemm kazi fejn xi ufficjal gholi f'din l-istess Kumpanija isir jaf b'mod kunfidenzjali, u allura qabel il-pubbliku in generali, li l-Kumpanija tkun se tinxtara' minn Kumpanija ohra soda aktar minnha, Ghaldaqstant huwa jkun jaf li l-ishma tal-Kumpanija li se tinxtara jkunu se jergghu joghlew. X'jaqghmel? Jahtaf l-okkazjoni u b'mod abuziv, imma mhux illegali, jixtri numru konsiderevoli minn dawn l-ishma bi prezz baxx. B'hekk ikun ghamel bicca negozju li tqallghu kemmxa flus sew.

Borg Bugeja. Iżda rajtha tieħu pillola miż-żewġ fliexken?
Mifsud Camilleri. Iva, hekk mingħalija.
Borg Bugeja. U smajt lil Rizzo tgħid li għandha tieħu l-pillola ta' darba fil-ġimgħa?
Mifsud Camilleri. Iva, mingħalija jiena ċċajtajt fuq hekk.
Borg Bugeja. Ċajta oħra, e? Daħqet il-mara dak il-ħin? Ftit wara li hi daħlet fis-sodda, inti dħalt ukoll, hux?
Mifsud Camilleri. Iva.
Borg Bugeja. U mbagħad inti għedt li qomt meta smajt lil martek taqa'?
Mifsud Camilleri. Iva, għalkemm ma kontx naf x'kien ġara.
Borg Bugeja. Int inżilt tiġri isfel, għamiltilha kikkra te u *lilek* tagħtek il-flixkun tal-pilloli.
Mifsud Camilleri. Sewwa qed tgħid.
Borg Bugeja. X'kien il-kulur tal-pillola li tajtha?
Mifsud Camilleri. Ma niftakarx.
Borg Bugeja. Ma tiftakarx. Il-pillola kienet f'idek. Rajtha. Tfajtha fit-te u ma tiftakarx. Għaliex ma ħaristx lejn it-tikketta tal-flixkun qabel tajtha l-pillola?
Mifsud Camilleri. *Assumejt* li la s-serva kienet tagħtni l-flixkun, kienet taf x'kienet qed tagħmel.
B. *Assumejt.* Int *tisħaq* li martek kellha uġigħ kbir u kienet imdejqa ħafna. *Tisħaq* li waqgħet waħda sew u tbenġlet. Iżda mbagħad xorta *tassumi* li kienet taf x'kienet qed tagħmel meta tagħtek il-flixkun tal-pilloli ta' darba fil-ġimgħa. Iżda raġel *iddedikat* lejn martu bħal ma kont int stajt għallinqas iċċekkjajt it-tikketta. Jekk almenu ma ridtx tagħtiha żewġ pilloli ta' darba fil-ġimgħa fi żmien ftit sigħat! Jiena nissuġġerixxi, Sur Avukat, li kont taf ben tajjeb x'kont qed tagħmel. Dan kien mod faċli, iċ-ċans biex teħles minn dejn imbarazzanti, minn martek marida u mill-kollass tal-karriera tiegħek. Nissuġġerixxi, Sur Avukat, li kieku s-serva kuraġġuża u onesta ma ratx kollox, il-verità kienet tibqa' midfuna fil-qiegħ tal-qabar ta' martek. Il-verità hi, Sur Avukat, li int assumejt wisq. *Assumejt* li kont wettaqt id-delitt perfett.
**Mifsud Camilleri**. Le, mhux hekk kien il-każ.
**Borg Bugeja**. Tiċħad li dak il-lejl kont xrobt iżżejjed?
**Mifsud Camilleri**. Le.
**Borg Bugeja**. Tiċħad li kont imbarazzat bid-dejn li ma stajtx tħallas?
**Mifsud Camilleri**. Le.
**Borg Bugeja**. Tiċħad li l-mewt ta' martek għenitek biex tħallas dejnek?
**Mifsud Camilleri**. Le.
**Borg Bugeja**. Tiċħad li tajtha l-pillola fatali?
**Mifsud Camilleri**. Le, ma nistax niċħad.
**Borg Bugeja**. Mela lanqas tista' tiċħad li int qtilt lil martek għax ridt.
**Mifsud Camilleri**. Iva, niċħad.
**Borg Bugeja**. M'għandix iktar mistoqsijiet, Sur Imħallef.
**Mħallef**. Dr. Pisani, tixtieq terġa' teżamina lil Dr. Mifsud Camilleri?
**Pisani.** Iva, Sur Imħallef, għandi ftit mistoqsijiet. Kieku martek kienet taf b'dan id-dejn, kif taħseb li kienet teħodha?
**Borg Bugeja**. Noġġezzjona, Sur Imħallef. Kif jista' wieħed jgħid kif setgħet teħodha mart l-akkużat?
**Mħallef**. Dr. Mifsud Camilleri jista' għax wara kollox kien żewġha. Iżda l-mistoqsija hija xi ftit ipotetika, Dr. Pisani.

**Pisani**. Iva, Sur Imħallef. Dr. Mifsud Camilleri, *kont* semmejtilha dan id-dejn lil martek?
**Mifsud Camilleri**. Le. Kont beħsiebni ngħidilha... iżda qatt ma sibt l-okkażjoni opportuna.
**Pisani**. Jiġifieri l-mottiv tiegħek li m'għedtilhiex kien...
**Mifsud Camilleri**. Ma ridtx ninkwetaha. Id-dejn lili personalment ma kienx jinkwetani. Kont naf li meta jasal iż-żmien kont inħallsu.
**Pisani**. Kif?
**Mifsud Camilleri**. Mill-ħlasijiet sostanzjali li kellhom jagħtuni u li għad iridu jitħallsu.
**Pisani**. Dr. Mifsud Camilleri, se nagħmillek l-istess mistoqsija li staqsewk tal-Prosekuzzjoni iżda mingħajr l-ebda malizzja. Dik il-lejla kont xrobt iżżejjed?
**Mifsud Camilleri**. Fis-sens li affettwa l-ġudizzju tiegħi, le.
**Pisani**. Setgħet id-diffikultà finanzjarja li kellek twasslek li toqtol?
**Mifsud Camilleri**. Lil Chetcuti forsi... għat-telefonati impertinenti tiegħu. Iżda mhux lil marti – qatt.
**Pisani**. Kont tħobbha lil martek?
**Mifsud Camilleri**. Ħafna. Hi ġabitli f'ħajti umoriżmu, intelliġenza, ġentilezza u tolleranza. Iż-żwieġ tagħna kien esperjenza ta' ferħ li qatt ma ninsa, u ta' dan kollu jiena nibqgħalha obbligat. Iva, Dr. Pisani, kont inħobbha.
**Pisani**. Int qtiltha lil martek?
**Mifsud Camilleri**. Le. Nassigurak.
**Pisani.** Grazzi, Dr. Mifsud Camilleri. Sur Imħallef, miniex se nsejjaħ iktar xhieda. Il-każ tad-Difiża huwa konkluż.
**Mħallef**. Grazzi, Dr. Pisani.

*Mifsud Camilleri jersaq lejn l-iżbarra, filwaqt li jintfew id-dwal. Jinxtegħel spot fuq l-Imħallef.*

**Mħallef.** Membri tal-ġurija, ħa nikkonkludi r-rikapitulazzjoni tiegħi billi ngħid li mhux id-dmir tiegħi li niggwidakom f'xi direzzjoni partikolari, jew li ngħidilkom l-opinjoni tiegħi. Lili jsejħuli Mħallef iżda intom l-imħallfin. Jiena nista' biss niddiriġikom ~~dwar il-~~ fuq il-punti liġi u l-liġi hija ċara. Il-piż tal-prova qiegħed fuq il-Prosekuzzjoni. Huma jridu jkunu ċerti u bla dubju ta' xejn dwar il-ħtija. Wieħed huwa ~~akkużat~~ ħati ta' qtil jekk, mingħajr l-ebda skuża legali, jikkaġuna l-mewt ta' ħaddieħor għax irid hu. Dik hija l-liġi u intom l-uniċi mħallfin ta' l-att f'dan il-każ. Meta tkunu wżintu l-evidenza kollha kif ġiet ippreżentata ~~lilkom~~ quddiemkom, mbagħad ikollkom tiddeċiedu fuq il-verdett tagħkom. Inkun qed nagħmel ħażin jekk ngħidilkom kif naħsibha jien. Il-verdett huwa tagħkom u tagħkom biss. Neħħu minn moħħkom ir-rabja, is-simpatija u kull emozzjoni oħra. Jekk l-evidenza ma tkunx ta' sodisfazzjon għalikom u ~~bla~~ mingħajr dubju ta' xejn, il-verdett tagħkom għandu jkun "Mhux ħati". Min-naħa l-oħra, jekk tkunu sodisfatti, il-verdett, anke jekk ma jinżilx tajjeb, għandu jkun "Ħati". Ma ngħirx għal din il-biċċa xogħol iebsa li għandkom iżda tridu tkunu deċiżi fid-dmir tagħkom. Meta l-Prim Ġurat jieħu l-ġurament, intom tirtiraw biex tikkunsidraw l-verdett tagħkom u meta jasal il-ħin tiġu lura u tgħiduli bid-deċiżjoni tagħkom.

*Jerġgħu jinxtegħlu d-dwal. Il-Purtier iqum bilwieqfa.*

**Purtier.** Naħlef li nżomm lill-membri tal-ġurija f'post privat u komdu f'residenza fejn titlob il-qorti. Ma nħalli lil ħadd ikellimhom u lanqas jien ma nkellimhom dwar is-suġġett tal-ġuri li sar f'dan il-jum mingħajr il-permess tal-qorti, jekk mhux biex nistaqsiehom jekk qablux dwar il-verdett tagħhom.

*Jintfew id-dwal minbarra spots fuq l-iskrivan u Mifsud Camilleri.*

**Skrivan**. L-akkużat iqum jekk jogħġbu.

*Id-dwal jinxtegħlu kollha.*

Intralkef Sinjuri

~~**Skrivan**~~. ~~Il-Pri~~m Ġurat jekk jogħġbu jqum. Sur Prim Ġurat, il-priġunier Mifsud Camilleri huwa ħati jew mhux ħati ta' qtil?

*Kulħadd fuq il-palk iħares dritt lejn l-udjenza. Jintfew id-dwal. Purtiera.*

## ATT II

*Qabel il-ġuri*

### *Xena 1*

*Is-salott fid-dar ta' Mifsud Camilleri u martu Netta. Il-kamra ta' l-ikel tmiss miegħu. Il-bieb doppju magħluq. Il-ħin huwa kmieni filgħaxija fir-rebbiegħa, xi disa' xhur qabel il-ġuri.*
*Netta, mara sabiħa fuq l-erbgħinijiet u liebsa eleganti għall-ikel, qed titkellem fuq it-telefon.*

**Netta**. Iva, ruħi... il-ġuri jibda għada...Għaliex qed jiddefendiha Salvatore? Ma nafx għaliex. Mhuwiex kapaċi jirresisti każijiet diffiċli, hux veru? (*Kultant toqgħod tisma' hi u tħares lejn l-arloġġ li għandha fuq idha*) Sewwa... iva, qatlet il-maħbub tagħha... tagħtu seba' daqqiet... iva... Mqass imsaddad? Ma naħsibx li s-sadid se jagħmel xi differenza. (*Tisma'*) Iżda l-marki tas-swaba tagħha biss – eżatt. Naħseb li dik hi l-problema... Ee, il-lejla? Għandna waħda minn dawk l-ikliet ta' qabel il-ġuri. B'hekk Salvatore jkollu l-okkażjoni biex jipprattika dawk ir-rimarki brillanti li huwa magħruf għalihom u li jagħmel mingħajr l-ebda preparazzjoni ta' xejn.

*Tidħol Rizzo mill-intrata.*

**Netta**. Stella, jimporta ġġibli l-inbid u t-tazzi, jekk jogħġbok?

*Toħroġ Rizzo lejn il-kamra ta' ikel u tħalli l-bibien miftuħin.*

**Netta**. (*fuq it-telefon*) Eżattament... ġej Stephen Hili Said, is-sieħeb prinċipali ta' ---- Iva, dak hu. Kif ukoll Robert Pisani, li jiġi taħt Salvatore. Naħseb li int ltqajt miegħu...

*Rizzo tidħol bl-inbid u tħalli l-bieba tal-parti ta' wara tal-palk miftuħa.*

**Netta**. Xagħru iswed u sexy? (*Taħseb*) Naħseb li hu, iva... U żgur li ngħid lil Salvatore li ċempilt!... X'sejħitilha l-gazzetta tiegħek? "Dik li tferi bl-imqass"? X'kull waħda! Il-gazzetta li naqra jien, it-*Times,* tirreferi għaliha sempliċiment bħala l-akkużata. Tajjeb, se jkolli nħallik, ruħi. Ħadt pjaċir inkellmek. Ciao. (*Tniżżel it-telefon, tieħu nifs twil u toqgħod taħseb*) Stella, il-ħaxix lest?
**Rizzo**. Iva, sinjura.
**Netta**. Tajjeb. Iċċekkja l-mejda, trid? ... U dment li żewġi ma jiġix tard iżżejjed.... (*Mill-bogħod jinstema' l-bieb ta' barra jistabat*) Dan x'kien wasal kważi fil-ħin din id-darba! (*Tlesti biex tilqgħu bi tbissima*)

*Mifsud Camilleri jidħol jgħaġġel fil-kamra kif kien jagħmel dejjem. F'età tal-bidu tal-ħamsinijiet, dinjituż, huwa juri enerġija kbira. Liebes kowt iswed b'għonq tal-bellus u f'idu briefcase antika u mimlija sew. Jitlaqa' fl-art, jinża l-kowt u jnewlu lil Rizzo bħallikieku kienet xi spalliera. Rizzo tieħu l-kowt fl-intrata, terġa' lura u tmur lejn il-kċina.*

**Mifsud Camilleri**. Jiddispjaċini li ġejt xi ftit tard, qalbi... Ma jmissnix mort il-klabb u mbagħad ma stajtx neħles minn Buhagiar... "Irrid ngħidlek kelma f'widnejk," qalli. Inti kif tħossok, qalbi? Kif mort illum?
**Netta**. Mhux ħażin, Salvator. Iżda ma nistax ngħid li għamilt wisq. (*Jitgħannqu ħafif ħafif*) Kont beħsiebni niżbor il-ward iżda bqajt m'għamilt xejn.
**Mifsud Camilleri**. Sewwa għamilt għax int suppost tieħu l-affarijiet bil-mod.
**Netta**. Hekk qed nagħmel. Kull m'għamilt illum qgħadt inferra l-inbid minn flixkun għal ieħor, inlaqt fuq il-pultruna u ħallejt lil Stella tipprepara l-ikel. Dik il-mara m'hawnx prezzha. Mara ġojja.
**Mifsud Camilleri**. Ma ngħidx li hi ġojja.
**Netta.** (*tidħaq*) Hi tgħid l-istess dwarek.
**Mifsud Camilleri**. Trid tixrob xi ħaġa?
**Netta**. M'għandniex ħin, Salvator. Mhux aħjar tmur tbiddel?
**Mifsud Camilleri**. Iva, iva, toqgħodx tinkwieta. Inti taf kemm inbiddel malajr. Kapaċi daqs l-aqwa artist tal-varjetà.
**Netta**. Mela xogħlok mhux bħal ta' l-artisti tal-varjetà?
**Mifsud Camilleri**. Nett...
**Netta**. Salvator, agħġġel. Inti taf li meta dak l-arloġġ idoqq it-tmienja, ~~Hili Said~~ ikun qed jistenna fuq it-tarġa tal-bieb.
**Mifsud Camilleri**. Iva, ħaqq ix-xjaten!... Dan il-bniedem qatt ma jkun tard?!
**Netta**. Lanqas darba waħda fl-għoxrin sena li ili nafu.

*Joħroġ Mifsud Camilleri. Pawsa. L-arloġġ idoqq it-tmienja u ċċempel il-qanpiena tal-bieb ta' barra. Tidħol Rizzo, taqsam lejn il-bieb tax-xellug, u wara tidħol b'Hili Said warajha.*

**Rizzo**. Is-Sur Avukat Stephen Hili ~~Said~~. (*Tоħroġ*)
**Netta**. Stephen, Stella tħobb tagħti t-titli kollha ta' kull min jidħol għandna. Ma tafx kemm għandha mneħerha mxammar.
**Hili Said**. Toqgħodx tinkwieta, Netta.
**Netta**. X'ħa tixrob?
**Hili Said**. Tridx inferra xi ħaġa għalija?
**Netta**. Iva, jekk jogħġbok. Salvatore ma jdumx ma jkun magħna. Mar ibiddel.
**Hili Said**. Naqra whisky b'ħafna ilma. Lilek x'ħa nġiblek?
**Netta.** Le, xejn, grazzi.
**Hili Said**. Inħobbhom dawn l-okkażjonijiet, b'mod speċjali l-kumpanija.
**Netta**. Jien ma nafx kif Salvatore ma jistedinx ukoll lill-Imħallef.
**Hili Said**. X'għandek il-lejla għalina? Tiftakar x'kont sajjartilna fl-okkażjoni ta' dak li kien qatel wara li ħaraq id-dar b'kollox?
**Netta**. Smoked ham u steak flambé.
**Hili Said**. U għal dak li kien ħeba l-ġisem fil-freezer? Vichysoisse, ikla kiesħa...
**Netta.** U baked Alaska.
**Hili Said**. Qatt ma ninsa l-ikla għal dak li kien qatel bil-mannara – bortsch u spare ribs.
**Netta**. Menu tassew addattat. Kemm għandek memorja tajba, Stephen. Tgħid nikteb ktieb tat-tisjir? Kulħadd hekk donnu qed jagħmel. Kieku nsemmieh "Festi Forensiċi."
**Hili Said**. Ħadd ma jilqa' l-mistednin aħjar minnek.
**Netta**. U ħadd mhu impostur daqsek. Bħallieku dan huwa l-uniku post fejn tiekol tajjeb.
**Hili Said**. M'hawnx aħjar minnu.
**Netta**. Bħallikieku mhux dejjem tmur tiffoxxna għand is-Soċjetà tal-Liġi.
**Hili Said**. Għażiża Netta, is-Soċjetà tal-Liġi dejjem bl-istess ikel – soppa u shepherd's pie. Iżda nammetti li s-salamun dejjem frisk. L-uniku kuntratt li ma tilfux huwa għall-Parlament. Le, le, hawn l-aħħar refuġju għal wieħed għażeb bħali.

*Tinstema' l-qanpiena tal-bieb u Rizzo tmur tiftaħ.*

**Netta**. Naħseb li wasal Robert Pisani.
**Hili Said**. Pisani? Smajt li ma jdumx ma jieħu promozzjoni.
**Netta.** Ma smajtx.
**Hili Said.** Mela jekk jogħġbok issemmi xejn.

*Tidħol Rizzo ma' Pisani.*

**Rizzo**. Is-Sur Avukat Robert Pisani. (*Toħroġ*)
**Netta**. Robert.
**Pisani.** ~~Netta~~. Netta
**Netta**. Is-soltu?
**Pisani**. Grazzi. (*Isellem lil Hili Said u Hili Said isellem lura*) Fejn hu l-kbir? Jaqaw għadu ma wasalx id-dar?
**Netta**. Le, din id-darba rnexxielu jgħaddik bi ftit minuti. Iżda għandek raġun għax fit-triq waqaf il-klabb u naturalment żammewh.
**Hili Said**. Mhux Buhagiar tgħid?

*Jidħol Mifsud Camilleri*

**Mifsud Camilleri**. Iva, Buhagiar kien. Darba kont il-mistieden ta' l-unur u Buhagiar ġie mqabbad biex jintroduċini. Tafu x'qal? "Għandi pjaċir nintroduċielkom lil Dr. Salvatore Mifsud Camilleri, magħruf magħkom ilkoll għall-kwalitajiet dibattibbli li għandu. Kif tafu intom ilkoll, huwa wieħed mill-aqwa avukati u s-sigriet ta' l-avukatura hija l-onestà. Darba tkun taf kif tiffalsifikaha, il-kumplament ikun faċli."

*Imur lejn il-mejda tax-xorb u jferra grokk filwaqt li l-oħrajn jaqbdu jidħqu.*

**Netta**. Salvator, ċemplitlek ommok.
**Mifsud Camilleri**. X'riedet?
**Netta**. Biex tistaqsi dwar "dik li tferi bl-imqass".
**Mifsud Camilleri**. "Dik li tferi bl-imqass"? Naf minn liema gazzetta ħaditha. (*Lil Pisani*) Dan l-inbid Mouton Rothschild 1961 ġie mħolli lili mill-mejjet Kap ta' l-Avukatura, Dr Pietru Pawl Mallia li għamel minn kollox biex jipprova jispiċċah qabel jitlaq minn din id-dinja. Kieku rnexxielu jilħaq it-tliet għoxrinijiet sena u għaxra li kien jikkonsidrahom mhux iktar minn kuntratt legali mal-Ħallieq tiegħu – kieku żgur li kien iġorr kollox.
**Netta**. Tgħid mhux bl-assistenza tiegħek? Inti kont tmur tarah għall-inqas ħaġa ta' xejn, bl-intenzjoni li tgħinnu.
**Mifsud Camilleri**. Għall-inbid qed tgħid, naturalment, u mhux għal din id-dinja.
**Hili Said**. It-testment tiegħu kienet preċiżjoni legali, tiehu gost taqrah u pjaċir tamministrah.
**Mifsud Camilleri**. Sewwa qed tgħid. Kitbu fuq in-naħa ta' wara ta' parking ticket li ma ħallasx u bħala xhud kellu gwardjan lokali mara. Il-litigazzjoni dwar it-testment damet iktar minn tliet snin u wara li spiċċat kien fadal flus kemm titħallas il-multa tal-parking.
**Netta**. Kieku ma kienx hu ma kienx ikollok il-karriera li għandek. Tinsiex dak il-famuż delitt.
**Mifsud Camilleri**. (*Jiftakar*) Qatt ma ninsa. Kienet l-ewwel darba li dhert il-qorti b'mod professjonali. Ommi kienet fuq quddiem. Jiena m'għedtx kelma waħda iżda kull darba li għaddejt nota lil Dr. Mallia kienet taqbad iċċapċap.
**Pisani**. L-ewwel esperjenza ma tinsieha qatt.
**Mifsud Camilleri**. (*Jirreċta*) Qatt ma ninsa l-ġurament tal-ġurija li kienet magħmula minn nies ta' l-iskola, nies intelliġenti. L-iskrivan qalilhom biex jieħdu posthom u meta wieħed minnhom wasal biex jieħu l-ġurament qal, "Jien miniex tajjeb biex inkun bħala ġurat. Jiena trux ma nismax saħta." Mbagħad fetaħ il-ġlekk u mdendel mal-but tas-sidrija kellu bħal radju ta' qabel l-aħħar gwerra b'wajer imqabbad ma' widnejh. Qabad idawwar buttuna wara l-oħra u ħlief tisfir ma smajniex. L-imħallef dar lejn l-iskrivan u qallu, "X'qal għax ma fhimtux?"
**Hili Said**. Jekk miniex sejjer żball, jien kont li bdejtek fit-triq tas-suċċess. Tiftakar lil Assunta Cardona?
**Mifsud Camilleri**. Niftakar. Serq, adulterju, ġuramenti foloz, rikatt u anke attentat ta' qtil. Hija mxiet ma' dak li kien qal Lord Russell li l-Għaxar Kmandamenti għandhom jitqisu bħala karta ta' l-eżami li tgħid li tista' tagħżel ħamsa biss.

**Hili Said**. Id-difiża tiegħek tagħha kienet il-bidu tal-karriera tiegħek. (*Lil Netta*) Żewġek m'hawnx ieħor bħalu fl-avukatura kriminali.
**Netta**. Ma nafx jien. Ma rridux ninsew lil Thomas Borg Bugeja.
**Mifsud Camilleri**. Tgħidx ħmerijiet!
**Netta**. It-*Times* tgħid li huwa wieħed mill-aqwa avukati
**Mifsud Camilleri**. Qalbi, missieru kien estate agent filwaqt li missieri kien fil-finanzi.
**Netta**. Qalbi, hawn m'intix qed tipprova tikkonvinċi xi ġurija. Missier Borg Bugeja kien sieħeb prinċipali f'kumpanija kbira waqt li missierek kien skrivan ma' kumpanija ta' kostruzzjoni.
**Mifsud Camilleri**. U barra minn dan, missieru ħallielu somma sabiħa filwaqt li missieri kull ma ħallieli kienet ommi. Missirijiet li jkunu se jmutu għandhom jaħsbu f'marthom fit-testment tagħhom. Għandhom iħalluhom lil xiħaddieħor!
**Netta**. Inti tħobbha lil ommok. Minn fejn taħseb li ġibt it-talent li għandek ta' oratur? Barra minn dan, hija l-unika persuna li taqbel miegħek fl-istima li għandek tiegħek innifsek. Insomma, jiena nemmen li f'dan il-ġuri se naraw ġlieda bejn tnejn li huma ndaqs.
**Mifsud Camilleri**. Tgħidx ħmerijiet. L-iżvantaġġi huma kollha kontra tiegħi. Nafu li l-klijenta tiegħi kellha relazzjoni ta' mħabba mar-raġel li qatlet. Il-marki ta' subgħajha kienu fuq l-imqass. Nafu li...
**Netta**. Qabel kull ġuri inti dejjem toħroġ b'din l-iskuża li l-iżvantaġġi huma kollha kontrik. B'hekk iktar timpressjonana meta terbaħ il-każ.
**Mifsud Camilleri**. Isma', inti ma' min qed iżżomm?
**Netta**. Kien x'kien, inti taħseb li l-ġurati se jibgħatu mara sabiħa għomorha l-ħabs?
**Mifsud Camilleri**. Mhux jekk ikolli tnax-il raġel bħala ġurati.
**Hili Said**. Borg Bugeja huwa makkak biżżejjed biex jieħu ħsieb li dan ma jiġrix.
**Mifsud Camilleri**. ~~Jien~~ irrid tużżana rġiel ta' mezz'età, ossessjonati bis-sess u li marthom ma tifhimhomx. Naħseb li nġagħalha tirrepeti n-numru tat-telefon tagħha ħafna drabi waqt il-kontroeżami.
**Hili Said**. Għadu m'għaddilix għal kollox meta smajtek tagħtiha parir wara li staqsietek, "Kif se nagħti evidenza?"
**Netta**. Mela x'għedtilha, Salvator?
**Mifsud Camilleri**. (*Jirreċta*) Għedtilha, "Ruħi, għid kollox bħallikieku kienet il-verità."
**Pisani**. Naħseb li l-fiduċja li għandha timpressjona lill-ġurija. Għalkemm qatt ma tista' tkun żgur meta wieħed jitla' jixhed. Kif tgħidha int, Salvator? "Oqogħdu attenti minn dawk li huma l-iktar żguri minnhom infushom għax huma l-iktar li għandhom x'jaħbu".

*Tidħol Rizzo.*

**Rizzo**. Skużani, sinjura. L-ikel kważi lest. Forsi tixtieq tiċċekkja.
**Mifsud Camilleri**. Fl-aħħar! Jien mejjet bil-ġuħ.
**Netta**. Mela kun grat lejn Stella għax mingħajrha bil-ġuħ kont tibqa'.

*Netta tqum minn postha u tmur lejn il-kamra ta' l-ikel ma' Rizzo. Mifsud Camilleri jersaq lejn il-mejda tax-xorb.*

**Mifsud Camilleri**. Ħa nimlilkom it-tazzi...

*Hili Said jirrifjuta.*

**Mifsud Camilleri**. Robert? (*Pisani jaċċetta. Hili Said imur ħdejn Mifsud Camilleri)*

**Hili Said**. Kif inhi, Salvator?
**Mifsud Camilleri**. Mhix aħjar. Bħal-lejla tkun tidher tajba iżda wara tpatti għal kollox, miskina. Jiddispjaċini ngħid li l-aħħar rapporti ma tantx urew tama. Jibqgħu jagħmlulha t-testijiet. Il-pilloli jgħinnu biex inaqqsu l-uġigħ għal xi ħin iżda qed terġa' tirkadi iktar spiss. Jgħidu li 'l quddiem se jkun hawn xi kura tajba, iżda nibża' – it-tnejn nafu – li l-futur mhuwiex fit-tul.
**Hili Said**. (*mifxul ħafna*) Jiddispjaċini għall-mewt. Ma nafx kif naqbad infissirlek iżda... jiddispjaċini ħafna.
**Mifsud Camilleri**. Ma nitkellmux fuq hekk il-lejla. Ħadd minna ma jista' jagħmel xejn. U anke li taħseb fuq hekk... ma jagħmel l-ebda ġid. Għalhekk...
**Hili Said**. Jiddispjaċini. Ma jmissnix...
**Mifsud Camileri**. Ma jimpurtax. Napprezza – it-tnejn li aħna nappreżżaw l-ansjetà tiegħek. Grazzi, Stephen.
**Pisani.** X'kull waħda! Qatt ma kont naf li għandek isem ieħor, Dr. Hili Said.
**Mifsud Camilleri**. Tkunx kiesaħ! L-imħallfin, l-avukati magħrufin u l-Kap ta' l-Avukatura biss jistgħu – u kultant – ikunu familjari ma' Dr Hili Said.
**Hili Said**. Għalkemm nista' nagħmel eċċezzjoni għalik, Dr. Pisani, iżda mhux qabel tieħu l-promozzjoni.
**Mifsud Camilleri**. Qed tistenna xi splużżjoni minn Borg Bugeja għada, Stephen?
**Hili Said**. Ma naħsibx, għalkemm qatt ma juri. Dak qatt ma jkun lest li jikkoopera speċjalment meta jkun kontra tiegħek.
**Pisani**. Għaliex jieħu kull każ b'mod tant personali?
**Mifsud Camilleri**. Sempliċi. Kont sena warajh fl-Università u ma setax jaċċetta li tifel mill-iskola tal-gvern jeħodlu ż-żewġ affarijiet li kien jaħseb li kienu tiegħu bi dritt.
**Pisani**. X'jiġifieri?
**Mifsud Camilleri**. Stephen ilu xi ftit jaf, iżda Borg Bugeja s-sajf qabel jien dħalt l-Università kien talab lil Netta biex tiżżewġu.
**Pisani**. Isma'! Ma kontx naf. U naturalment inti qlibthielu bħala President ta' l-Istudenti.
**Mifsud Camilleri**. Dak kien premju żgħir ħdejn Netta tiegħi.
**Hili Said**. Naqbel għal kollox ma' dan il-ġudizzju.
**Mifsud Camilleri**. Ma naħsibx li stajt għedtha b'mod iktar romantiku.
**Pisani**. Taħseb li Borg Bugeja jagħmel xi festa qabel il-ġuri?
**Mifsud Camilleri**. Żgur li le.
**Pisani.** Kif int daqshekk żgur?
**Mifsud Camilleri**. Għax jekk jagħmel hekk ikollu jħarrek lill-mistednin.

*Netta tidħol u tagħlaq il-bibien warajha.*

**Hili Said**. Naf żgur li għandek raġun.
**Netta**. Raġun dwar xiex, Stephen?
Mifsud Camilleri. (*qabel iwieġeb xiħadd ieħor*) Dwar Dylan Thomas.

Pisani
~~Mifsud Camilleri~~
Hili Said
Mifsud Camilleri
Rizzo
Borg Bugeja
Mtallef .

**Netta**. Erġajna dwar Dylan Thomas! Għax darba Salvator sema' taħdita minn tiegħu baqa' ossessjonat.
**Mifsud Camilleri**. Qed tinfamani. U hawn xhieda ta' min jorbot fuqhom biex jaqbżu għalija. Mhux talli mort nisimgħu jitkellem talli wara skirt flimkien miegħu. (*Jirreċta*) "Iż-żmien jgħaddi. Isimgħu. Iż-żmien jgħaddi. Ersqu viċin issa. Intom biss tistgħu tisimgħu d-djar reqdin fit-toroq fil-melħ fond u fl-iswed kwiet, iffaxxati bil-lejl. Intom biss tistgħu taraw fil-kmamar tas-sodda. Il-ħwejjeġ ta' taħt fuq is-siġġijiet, il-friskaturi u l-buqari, it-tazzi bis-snien, il-kitba fuq il-ħajt, u l-istampi żgħar tal-mejtin. Intom biss tistgħu tisimgħu u taraw, wara l-għajnejn ta' dawk reqdin, iċ-ċaqliq u l-pajjiżi u l-labirinti u l-kuluri u t-twerwir u l-qawsalli u l-melodiji u x-xewqat u l-waqgħat u d-dispramenti u l-ibħra kbar tal-ħolm tagħhom. Minn fejn qegħdin tistgħu tisimgħu l-ħolm tagħhom."

*Tidħol Rizzo u tinterrompli l-quċċata tad-diskors.*

**Rizzo**. L-ikel lest, sinjura.

*Iċempel it-telefon. Rizzo tersaq lejh iżda Mifsud Camilleri jwaqqafha.*

**Mifsud Camilleri**. Ħallieh. (*Lil martu*) Idħol ħa nieħu ħsiebu jien. (*Juri l-gabarré bl-inbid*) Robert, ħu dan miegħek. (*Jerfa' t-telefon*) Hello? (*Hili Said jagħti drieghu lil Netta u jidħlu fil-kamra ta' l-ikel, b'Rizzo u Pisani warajhom*) (*Fit-telefon*) Iva, jien hu. Min hemm? Chetcuti? Ħadthom l-ishma? (*Jisma'*) Tajjeb. (*Jerġa' jisma'*) L-offerta tiġi mħabbra nhar il-Ħamis. Is-sorsi tiegħi huma mpekkabbli. Naturalment, jiena rridek tbiegħ fil-kont. (*Jisma'*) Għandek għaxart ijiem u meta s-sieħeb prinċipali jiġi lura mill-vaganzi, jiena żgur li jirrikonoxxi d-deċiżjoni għaqlija tiegħek.... Iva, naf li mort ħażin dan l-aħħar iżda ma ndumx ma nirpilja... Jiena qatt ma ddiżappuntajtek fl-imgħoddi, veru? (*Jisma'*) Is-somma hija ikbar din id-darba għax is-sorsi huma iktar ta' min joqgħod fuqhom.Ma nafx kif jistgħu jiddiskrevuni bħala xiħadd ta' ġewwa.

*Jinfetaħ il-bieb tal-kamra ta' l-ikel u Netta tħares lejh qisha qed tistaqsi.*

**Mifsud Camilleri**. Inkellmek nhar il-Ħamis. Il-lejl it-tajjeb. (*Isabbat it-telefon u jidħlu fil-kamra ta' l-ikel*)

*Id-dwal jintfew bil-mod u tingħalaq il-purtiera.*

*Jinstemgħu l-ilħna 1*

**Mifsud Camilleri**. Dr. Hili Said, hemm xi insinwazzjoni li jiena xi darba sibt ruħi imbarazzat finanzjarjament?
**Hili Said**. Mhux safejn naf jien, Dr. Mifsud Camilleri.
**Mifsud Camilleri**. Jew li kelli bżonn partikulari ta' xi flus?
**Hili Said**. Le, Sur Avukat. Għal ħafna snin inti rċevejt dħul tajjeb ħafna mill-avukatura fejn is-servizzi tiegħek kienu mfittxija bil-kbir.
**Mifsud Camilleri**. Kemm ilek taf kemm lili kif ukoll lil marti?
**Hili Said**. Jiena servejtkom għal għoxrin sena sħaħ.

**Mifsud Camilleri**. U x'għandek xi tgħid dwar ir-relazzjonijiet tagħna?
**Hili Said**. M'hemmx xi tmaqdar. Wieħed jista' biss jammira, anzi jgħir għalikom it-tnejn.

*Jispiċċaw l-ilħna.*

## *Xena 2*

*Iktar tard dik il-lejla*

*Jidħlu Hili Said, Pisani u Mifsud Camilleri. Ta' l-aħħar iġorr gabarré b'erba' kikkri kafé u tazza brandy, Pisani għandu tazza port.*

**Hili Said**. Kienet għażla addattata għall-ġuri ta' Tessie Sultana, biċċa laħam taċ-ċanga mill-ifjen.
**Pisani**. Iva, iżda nnutajtu kif Netta qiegħdet id-demm fil-gravy?
**Mifsud Camilleri**. Biex neqirdu l-evidenza.
**Hili Said**. U għalhekk iċ-chocolate gateau kellu forma ta' mqass.
**Pisani**. Iżda għaliex kellna sauce tal-hazelnut?
**Mifsud Camilleri**. Is-sadid, stupidu, is-sadid. Imma kemm int kajman! Tfakkarni f'Dr. Ġorġ Farrugia

*Tidħol Netta*

**Netta**. Ma kienx kajman daqs kemm kont int ma' l-Imħallef Carmelo Vassallo Grima.
**Mifsud Camilleri**. Miskin Carmelo.
**Netta**. Miskin Carmelo! Kont tafu lil Vassallo Grima, Robert?
**Pisani.** Smajt bih.
**Netta**. Miet ftit tas-snin ilu
**Pisani**. Isma', Salvator, bħala President tal-Kunsill ta' l-Avukatura beħsiebek tagħmel xi ftit tibdil radikali?
**Mifsud Camilleri**. Nispera. Beħsiebni nara li jkun hemm iktar nisa eletti għall-Kunsill bit-tama li, meta nirtira, inkunu nistgħu naħtru l-ewwel mara bħala President.
**Hili Said**. Allaħares. Diġà sejrin il-baħar bin-nisa li għandna fil-professjoni. Waħda bħala President tal-Kunsill ta' l-Avukatura jonqosna biex niġu ottu. Aħfirli, Netta, talli qed nikkritika s-sess tiegħek iżda nibża' li l-avukati nisa jagħmlulna isem ħażin jistgħu.
**Netta**. Isem ħażin ma' min?
**Hili Said**. Mal-kriminali, naturalment.
**Mifsud Camilleri**. Stephen għandu raġun. Il-kriminali huma konservattivi f'dawn l-affarijiet. L-ebda kriminal inkallat m'hu se jitlob li tiddefendih mara.
**Hili Said**. Ħadd minn sħabi l-avukati ma jikkonsidra li xi darba jgħallem mara.
**Netta**. Imisshom jistħu, Stephen. Għandna nkunu lesti naċċettaw li l-bidla hija inevitabbli.
**Mifsud Camilleri**. Iva, iżda nibża' li fil-professjoni tagħna kulħadd irid bidla bil-mod.
**Hili Said**. Hekku għax issa bdew jidħru kullimkien. Dawk mhux bħalna, Netta.
**Netta**. Mela ndunajt?

**Hili Said**. Nissoponi li jien naħsibha la antika, iżda nistqarr li nħossni nitwerwer kull meta mara tinħatar bħala avukat.
**Mifsud Camilleri**. U ejja, dik ħaġa li trid tiġri... xejn ħlief sens komun. Fl-aħħar mill-aħħar, l-imħallfin jilbsu qishom trasvestiti u spiss iġibu ruħhom qishom nisa xjuħ.
**Netta**. Sewwa qed tgħid. Infatti għandna bżonn iktar imħallfin nisa. Wara kollox, hawn nisa Presidenti ta' pajjiżi.
**Hili Said**. Il-mniegħel! Ara kemm sar ħin. Se jkolli nħallikom.
**Netta**. Diġà sejjer?
**Hili Said**. Għax għandna konsultazzjoni kmieni ma' Tessie Sultana...
**Netta**. Dik li l-imqassijiet.
**Mifsud Camilleri**. Kien żball u xejn iżjed. (*Joħroġ lejn l-intrata*)
**Hili Said**. ... fid-disgħa eżatt. Se jkolli mmur. Kienet ikla mill-aqwa, Netta. Kważi kważi wieħed jistenna li jkun hemm xi delitt ieħor. (*Ibusilha idha*) Forsi meta Salvator jerbaħ il-każ ta' Tessie Sultana tiġi tiekol għandi.

*Mifsud Camilleri jidħol bil-kowt ta' Hili Said.*

**Netta**. Kif nistgħu nkunu żguri li li jerbaħ il-każ meta hemm dak l-avukat bravu ta' Borg Bugeja kontra tiegħu?
**Mifsud Camilleri.** (*jidħaq*) Din xi konfoffa?
**Netta**. Mbagħad żgur li ma nkunx nista' naċċetta l-istedina tiegħek.
**Mifsud Camilleri**. Jaqaw qed tistieden lil marti biex tieklu waħedkom, Stephen?
**Hili Said**. Fhimtna ħażin. L-istedina hija għat-tnejn li intom.

*Mifsud Camilleri jgħin lil Hili Said bil-kowt li jixbaħ ħafna dak li Mifsud Camilleri kien liebes meta daħal l-ewwel darba.*

**Hili Said**. Int żgur li dan il-kowt tiegħi?
**Mifsud Camilleri**. Bih ġejt hawn, żgur.
**Hili Said**. Il-lejl it-tajjeb, Netta... u grazzi għal darb'oħra.
**Netta**. Il-lejl it-tajjeb, Stephen.
**Hili Said**. Il-lejl it-tajjeb, Salvator.

*Mifsud Camilleri joħroġ ma' Hili Said fl-intrata għall-bieb ta' barra.*

**Pisani**. Dan Stephen huwa bniedem eċċezzjonali, hux? Taparsi ma jafx x'qed jiġri iżda ċertament li għandu moħħ legali tal-prima klassi. Snin ta' esperjenza b'ħafna sens komun.
**Netta**. Iżda naħseb li huwa bniedem imdejjaq. Iżomm waħdu wisq.
**Pisani**. Imissu żżewweġ xiħadd bħalek... (*Ibusha fuq wiċċha*). Salvator huwa bniedem ixxurtjat.

*Jinstema' l-bieb ta' barra jistabat.*

Netta. U int m'intix agħar minnu.

**Mifsud Camilleri**. (*jerġa' jidħol fil-kamra*) Min qed jitkellem fuqi? Jaqaw qed terġa' tinnamra ma' marti?
**Pisani**. Kull meta jkolli l-okkażjoni. Iżda issa li qbadtna, naħseb li jaqbilli nitlaq. Miniex agħar minnu għedt? Wara kważi ħmistax-il sena taħtu, ma niskantax.
**Mifsud Camilleri**. Kien imissek ħadtni bħala twissija mhux bħala eżempju. Veru sejjer, Robert? Ibqa' hawn għal kikkra kafé jew tnejn.
**Pisani**. Se jkolli mmur.
**Netta**. Bilfors?
**Pisani**. (*lil Mifsud Camilleri*) Narak għadha filgħodu l-qorti, Salvator.
**Mifsud Camilleri**. Fid-disgħa eżatt. Ħaġa hija żgura li Robert ikun fil-ħin.
**Pisani**. Fid-disgħa eżatt – u ddumx ma torqod. Oqgħod attent minn Borg Bugeja.
**Mifsud Camilleri**. Int qiegħed taħti jew il-konsulent espert tiegħi?
**Pisani**. Ħadt pjaċir bil-kumpanija tagħkom u kienet ikla stupenda, Netta, bħas-soltu. Grazzi.
**Netta.** Il-lejl it-tajjeb.

*Mifsud Camilleri joħroġ fl-intrata ma' Pisani. Netta tqum, ikollha attakk u terġa' taqa' fis-siġġu, fuq il-lemin. Jinstema' l-bieb ta' barra jistabat.*

**Mifsud Camilleri**. (*jerġa' lura*) Morna tajjeb, qalbi. Qed iħossok ħażin?
**Netta**. Le, le. Jaqaw Stephen kien qed jagħmel xi suġġeriment meta semma l-ħatra ta' Robert?
**Mifsud Camilleri**. Iva, naħseb li din is-sena. Mhux qed nieħu gost bil-prospett. Se nimmissjah.
**Netta**. Forsi wasal iż-żmien li ċċedi u ssir imħallef biżbetku.
**Mifsud Camilleri**. Mhix ħaġa ħażina.
**Netta**. Mbagħad tiżżewweġ armla sinjura u...
**Mifsud Camilleri**. Jekk jogħbok, Netta.
**Netta**. Irridu naħsbu fuq dawn l-affarijiet.
**Mifsud Camilleri**. Għad fadal ħafna żmien. Dr Vella Azzoipardi qal li int għad fadallek snin sħaħ x'tgħix.
**Netta**. Iżda inti ħarist lejn għajnejn it-tabib meta qal hekk? Salvator, jien ħarist. M'għandniex għalfejn noqogħdu nidħqu bina nfusna. Qed nitkellmu fuq ftit xhur, l-iżjed. *Jien naf.*
**Mifsud Camilleri**. O Netta, kemm nixtieq li kont jien minflokok. Kemm nixtieq nagħmillek dak ir-rigal.
**Netta**. Anke kieku tista', ma naċċettahx. Inti tibqa' għal dejjem. Inti tmut ta' mitt sena. U rridek tgawdi kull mument.
**Mifsud Camilleri**. Mhux mingħajrek, qalbi.
**Netta**. Ibqa' ftakarni iżda ftakar biss iż-żmien sabiħ. Taf li meta ltqajt miegħek l-ewwel darba, int kont mingħajr eċċezzjoni ta' xejn l-iktar raġel arroganti, vanituż u eċċitanti li qatt iltqajt miegħu?
**Mifsud Camilleri**. (*jirreċta*) U ma nbdiltx, hux hekk?
**Netta**. Le bl-eċċezzjoni li ddaħħaqni ħafna iktar minn qabel.

*Tidħol Rizzo b'gabarré b'tazza ilma u ġġib il-pilloli minn kexxun fil-mejda tat-telefon.*

**Mifsud Camilleri**. (*irrabjat*) Ma tafx tħabbat?
**Rizzo**. Trid tieħu l-pillola ta' darba fil-ġimgħa l-lejla, sinjura.
**Mifsud Camilleri**. Dik il-mara għandha talent li tagħraf il-mument propizju. Woody Allen żgur li jieħu pjaċir biha.
**Netta**. Grazzi, Stella. Daqshekk għal-lum. Il-lejl it-tajjeb.
**Rizzo**. Il-lejl it-tajjeb, sinjura. (*toħroġ*)
**Mifsud Camilleri**. E.. iva... il-lejl it-tajjeb, sinjura Rizzo. (*Tkun diġà ħarġet*).
**Netta**. Imissek turi iżjed rispett lejha. Ipprova uża ftit minn dak il-faxxinu li tuża tant tajjeb mal-ġurati.
**Mifsud Camilleri**. M'għandix għaliex meta minn mindu telaqha żewġha qed neħel jien ma' rasha.
**Netta**. Forsi taħseb li xi darba int għad tagħmilli l-istess ħaġa.

*Mifsud Camilleri iħares ċass lejn martu għal ftit ħin imbagħad jagħtiha l-pilloli.*

**Netta**. Grazzi.

*Mifsud Camilleri jersaq lejn ix-xellug u jitfi l-lampi.*

**Netta**. Kemm nixtieq li kellna t-tfal, għax kieku...
**Mifsud Camilleri**. Forsi kieku żżewwiġt lil Thomas Borg Bugeja...
**Netta**. X'kull waħda, le! Anke meta pproponieli, bagħat jgħidli ma' avukati inferjuri. Le, jiena żżewwiġt lill-aħjar wieħed.
**Mifsud Camilleri**. (*jirreċta*) "Jiena drappier miġnun bl-imħabba. Inħobbok iktar minn kull flanella u xoqqa, tajjar, drapp tax-xugamani, ta' l-imtieraħ u tal-qoton, ħarir, kriton, kripon, djagunal li hawn fid-dinja. Ġejt biex nieħdok miegħi fl-imperu tiegħi fuq l-għolja fejn il-bidla tkanta fuq il-wajers. (*Hu u jgħinha biex tqum*) Armi l-peduni tas-sodda u l-ġakketta tas-suf (*jimxu lejn it-taraġ*) u nkun jien li nsaħħanlek il-lożor bħal toaster ta' l-elettriku u noqgħod maġenbek bħall-ikla fil-forn ta' nhar ta' Ħadd." (*Jitfi d-dwal ta' mal-ħajt)*
**Netta**. "U jiena naħdimlek portafoll ta' fjuri koħol biex il-flus ikunu komdi. Insaħħanlek qalbek bin-nar ħalli tqiegħdha taħt il-flokk ta' taħt meta jagħlaq il-ħanut." Salvator...

*Jitbewsu u jintfew id-dwal.*

*Jinstemgħu l-ilħna 2*

**Mifsud Camilleri**. Jista' jagħti l-kas li wara dak iż-żmien kollu li qattajt ma' marti, inti bqajt ma fehemtx ir-relazzjonijiet li kellna bejnietna?
**Rizzo**. X'jiġifieri?
**Mifsud Camilleri**. Eżattament dan li qed nistaqsik.
**Mħallef.** Sinjura, taħseb li Dr. Mifsud Camilleri u martu kienu jaqblu flimkien iżda int stajt ma apprezzajtx dawn ir-relazzjonijiet?

**Rizzo**. Le, ma jistax ikun, Sur Imħallef. Għal ħafna snin jien kont nafhom sew. Is-sinjura kienet mara ħelwa għall-aħħar iżda l-avukat kien dejjem fis-sakra u jgħajjat magħna t-tnejn.
**Mifsud Camilleri**. Naħseb li dak li qed tipprova tgħid Rizzo lill-qorti, Sur Imħallef, hu li lili ma taħmilnix.
**Rizzo**. Iva, sewwa qed tgħid!
**Mifsud Camilleri**. Infatti, ma tara xejn tajjeb fija, hux hekk?
**Rizzo**. Kieku kien hemm xi ħaġa tajba x'ngħid fuqek kont nieħu pjaċir ngħidha lill-Imħallef.
**Mifsud Camilleri**. Jiġifieri li jinteressak hu li tagħmilli d-deni.
**Rizzo**. Le, jien mhux hekk għedt. Int qed tipprova ġġagħalni ngħid dak li trid tgħid int, bħal ma tagħmel ma' kulħadd. Kull ma rrid hu li toħroġ il-verità.

*Jispiċċaw l-ilħna*

## Xena 3

*Ġimgħa wara, filgħaxija tat-23 ta' Marzu.*

Netta. (*fuq it-telefon*) Konklużjoni li wieħed kien ċert minnha? Nispera. (*Tisma'*) Iva, għidli...

*Tidħol Rizzo.*
Netta. (*tgħatti t-telefon b'idha*) Neħħi kollox, Stella... u agħmilli kikkra kafé.
Rizzo. Is-Sur Avukat se jiekol id-dar il-lejla?
Netta. Ma naħsibx. Hija l-aħħar ġurnata tal-ġuri ta' dik li tat bl-imqass u l-ġurati għadhom ma daħlux, għalhekk ma nafx fi x'ħin ġej lura d-dar.

*Rizzo tneħħi l-gabarré u toħroġ.*

Netta. (*fit-telefon*) Naturalment, ruħi... Żgur... Ngħidlu hekk kif jasal....

*Jidħol Mifsud Camilleri.*

**Netta**. (*lil żewġha*) "Alla wasal id-dar?"
**Mifsud Camilleri**. Min hemm?
**Netta.** Ommok. (*Mifsud Camilleri jċaqlaq rasu*) (*Fit-telefon*) Imma taf int, għandu mnejn idum is-sigħat biex jiġi lura... speċjalment jekk qed jistenna l-verdett... Forsi jiċċelebraw ukoll... (*Tħares lejn żewġha*) jew le, skond il-każ...Le, jien tajba... Veru, inwiegħdek... Żgur li nċempillek hekk kif jasal... Tajjeb, qalbi, grazzi... Iva, saħħa...
**Mifsud Camilleri**. Imissek għandek tejp fuq waħda minn dawk l-invenzjonijiet ansafoniċi. "Qalbi... żgur li ngħidlu... lanqas jilħaq jasal... Jien naf li Salvator huwa l-aqwa bniedem fid-dinja u kemm jiena xxurtjata!... Żgur li ngħidlu, ruħi..."
**Netta**. Hija mara xiħa u lilek ftit li xejn tarak.
**Mifsud Camilleri**. U jien ftit li xejn nara *lilek*.

**Netta**. Tajjeb, inċedi. Ma kontx se nistaqsik qabel tgħidli int... iżda ma nistax nissaporti nistenna iżjed.
**Mifsud Camilleri**. Tixtieq tkun taf xi ħaġa?
**Netta**. Tessie Sultana ħatja jew mhix?
**Mifsud Camilleri**. Dawk, ruħi, huma żewġ mistoqsijiet li waħda minnhom biss kienet deċiża mill-ġurija.
**Netta**. Qed itallagħhomli! Salvator, qed nistenna t-tweġiba.
**Mifsud Camilleri**. (*iqaħqaħ*) Membri tal-ġurija, qiegħed quddiemkom illum...
**Netta**. Qalbi, m'għandix għalfejn noqgħod nisma' d-diskors kollu li għamilt fl-aħħar tal-ġuri.
**Mifsud Camilleri**. Attwalment kont se nibda bid-diskors tal-ftuħ.
**Netta**. Forsi tista' ssemmi l-iktar partijiet importanti.
**Mifsud Camilleri**. X'jiġifieri? Dak insult!

*Tidħol Rizzo bil-kafé ta' Netta u tisimgħu jgħajjat.*

**Rizzo**. Il-kafé, sinjura.
**Netta**. (*lil żewġha*) Trid kikkra kafé? (*Ma jkunx irid*) Grazzi, Stella.

*Rizzo tidħol.*

**Mifsud Camilleri**. Tajjeb, niġu mela għall-għeluq. Membri tal-ġurija, forsi tħossu li l-Prosekuzzjoni, hi u tippreżenta l-każ, għamlet fjask kbir għax bdiet b'mod kaotiku u mexxiet fil-konfużjoni.
**Netta**. Kemm kont goff, Salvator. Min jaf x'ħaseb dwarek Thomas Borg Bugeja.
**Mifsud Camilleri**. Forsi mhux wisq. Isma', jien se noqgħod għal interruzzjonijiet bla sens? Inti agħar minn xhud ostili, ruħi. Fejn kont wasalt?
**Netta**. Fil-konfużjoni.
**Mifsud Camilleri**. Il-fjask kbir tal-Prosekuzzjoni li tipproduċi evidenza li kapaċi żżomm iebes għal kontroeżami... evidenza li meta tikkonsidraha sewwa, issib li m'hi xejn ħlief trufijiet u rqajja, debboli u immaġinarji.
**Netta**. Tgħid Borg Bugeja ma pprotestax?
**Mifsud Camilleri**. Le, ruħi. Dak mhux bħalek. Dak jaf li m'għandux jinterrompi d-diskors finali ta' l-avukat tad-difiża. Fejn kont wasalt?
**Netta**. Debboli u immaġinarji.
**Mifsud Camilleri**. Fl-ogħla grad. Evidenza li fil-kontroeżami wriet li m'hi xejn ħlief għajdut – xejn dirett u żgur. Evidenza li intom, membri tal-ġurija, mitluba toqogħdu fuqha biex tiddeċiedu d-destin ta' l-akkużata Tessie Sultana.

*Mifsud Camilleri jagħmel mossi eżaġerati lejn martu li ġġib ruħha bħallikieku kienet Tessie Sultana. Mifsud Camilleri juri lilha b'sebgħu.*

**Mifsud Camilleri**. Possibbli li din is-sinjura delikata u ġentili rnexxielha tegħleb raġel twil sitt piedi u jiżen 182 libbra u ddaħħallu mqass f'ġismu – mhux darba – iżda seba' darbiet?
**Netta**. (*tiġi f'tagħha*) Seta' kien rieqed.

Mifsud Camilleri. Netta!

*Mifsud Camilleri jerġa' jagħmel il-mossi lejn martu li terġa' tagħmilha ta' Tessie Sultana.*

**Mifsud Camilleri**. L-akkużata qatt ma ppruvat taħbi l-fatt li kellha x'taqsam sesswalment mal-mejjet... iżda min minkom ġurati lest li jibgħat mara żagħżugħa l-ħabs għal għomorha... fuq l-unika akkuża li kkommetiet adulterju?
**Netta**. (*terġa' tiġi f'tagħha*) Iżda hi mhux fuq hekk biss kienet akkużata...
**Mifsud Camilleri**. (*jaqbad s-sarvetta minn fuq il-pultruna u jitfagħhielha*) Nissuġġerixxi li din l-evidenza mhix bażi li fuqha tibni każ kontra l-akkużata – u ċertament mhix bażi ta' kundanna għal qtil. Tridu tkunu ċerti *bla dubju ta' xejn* li hi hija qattiela. Nirrepeti, *ċerti* li din il-mara debboli u li ġġiblek ħasra tat b'dak l-imqass għal darba darbtejn, tliet darbiet... u iktar f'ġisem dak ir-raġel daqsiex.
**Netta**. Daqsiex! (*Titniegħed*) Mhux ħażin. Mbagħad?
**Mifsud Camilleri**. Mbagħad l-Imħallef Tabone Scicluna għamel rikapitulazzjoni u staqsa min kien għamel id-delitt jekk ma kinitx Tessie Sultana.
**Netta**. Punt tajjeb.
**Mifsud Camilleri**. Ħass ukoll li l-ispjegazzjoni tal-klijent tiegħi għall-marki ta' subgħajha fuq l-imqass ma kinitx konvinċenti. Huwa faħħar lil Borg Bugeja għar-reqqa fil-prosekuzzjoni u lili għall-kuraġġ li wrejt fid-difiża – li ma nafx x'ried jgħid biha. U wara l-ġuri rtiraw.
**Netta**. (*wara pawsa*) Ejja, Salvator, mbagħad?
**Mifsud Camilleri**. Wara tliet sigħat bagħtu nota biex jgħidu li ma setgħux jaqblu.
**Netta**. U?
**Mifsud Camilleri**. Fl-aħħar b'verdett ta' maġġoranza ta' għaxra kontra tnejn – Tessie Sultana instabet... (*pawsa*) mhix ħatja.
**Netta**. Jiġifieri kienet innoċenti.
**Mifsud Camilleri**. Netta, ruħi, smajt kelma milli għedt? Il-ġurati kienu konvinti bil-preżentazzjoni tad-difiża mhux bil-każ tagħha.
**Netta**. Jiġifieri issa x'ħa jiġri minn Sultana?
**Mifsud Camilleri**. Min jaf! Telqet mill-qorti tibki kemm tiflaħ mingħajr ma qalet kelma lil tal-gazzetti.
**Netta**. Dik turi ċerta sensittività.
**Mifsud Camilleri**. Sensittività t'għajni! Qaluli li biegħet l-istorja esklussiva tagħha lill-gazzetta minnhom għal ma nafx kemm flus. Nifhem li wegħdet li tikxef lil min qatel lill-maħbub tagħha.
**Netta**. Tkun imbarazzanti ħafna.
**Mifsud Camilleri**. Għal Borg Bugeja u għal ħadd iżjed. Meta tammetti li kienet hi. Ma rridx ninsa nixtri kopja tal-gazzetta nhar il-Ħadd.
**Netta**. Borg Bugeja kif ħadu l-verdett?
**Mifsud Camilleri**. Ħareġ mill-qorti b'ħafna għaġġla u b'geddum sa l-art. Ma jafx jieħu telfa minkejja li għandu ħafna prattika.
**Netta**. U int qatt ma turi simpatija lejn il-povru raġel.
**Mifsud Camilleri**. Le, qatt. Hu jġibha b'idejh, sodisfatt b'dak li jagħmel...
**Netta**. Salvator, kif m'għandek l-ebda rispett lejn Borg Bugeja?

**Mifsud Camilleri**. Rispett lejn Borg Bugeja? Għaliex għandi jkolli rispett lejh? Ejja, ħa nixorbu waħda sew biex niċċelebraw.
**Netta**. Kellek ċans tiekol?
**Mifsud Camilleri**. Insomma, fil-qorti stess. Iżda ma kienx hemm inbid tajjeb. Il-qorti marret fl-estrem fejn ikun hemm provi ta' innoċenza. L-uniku nbid li tista' tixtri huwa Blue Nun.
**Netta**. Tajjeb, mela nduru għall-Mouton Rothschild.
**Mifsud Camilleri**. Le għax wasalna fl-aħħar.
**Netta**. Qed niċċelebraw, jew m'aħniex? Hekk jew hekk, jiena diġà ferrajt flixkun f'ieħor.
**Mifsud Camilleri**. Mara ħażina, int minn dejjem kont taf li se nerbaħ jien, hux?

*Iċempel it-telefon. Twieġeb Netta.*

**Netta**. Hello?... Iva. (Lil żewġha) Is-Sur Chetcuti.
**Mifsud Camilleri**. Chetcuti?
**Netta**. Qal li importanti.
**Mifsud Camilleri**. Tajjeb.
**Netta**. Waqt li qed tkellmu, ngħid lil Stella biex iġġib l-inbid.

*Toħroġ Netta. Mifsud Camilleri jersaq lejn it-telefon.*

**Mifsud Camilleri**. Għidli Chetcuti. (*Jisma'*) Ikollok tbiegħhom sa ma jagħlaq il-kummerċ għada... Iva, iżda kif ridtni nkun naf li l-gvern kien se jibgħat l-ispetturi? Biegħhom. Tinkwetax għad-defiċit. (*Iħares lejn il-bieb*) Ma ndumx ma nirranġa kollox...

*Tidħol Rizzo bl-inbid.*

**Mifsud Camilleri**. Tisfurzanix. Is-sieħeb prinċipali tiegħek jibqa' wieħed mill-iktar ħbieb intimi tiegħi. (*Iħares u jara lil Rizzo*) Barra! Mara stupida! Itlaq 'il barra!

*Rizzo titlaq tiġri 'l barra. Mifsud Camilleri jerġa' jitkellem fit-telefon iżda jħares lejn il-bieb li minnu tkun ħarġet Rizzo.*

**Mifsud Camilleri**. Ċempilli għada fl-uffiċċju. Sa dak il-ħin inkun ksibt il-flus. (*Isabbat it-telefon waqt li tidħol Netta)*

**Netta**. Salvator, għaliex għajjat ma' Stella?
**Mifsud Camilleri**. Toqgħod tissemma dak li mhux affari tagħha li tkun taf.
**Netta**. Mhux veru. Dik lanqas tifhem xi tkun qed tgħid u int taf. Ma tistax tkun mara iktar onesta u leali milli hi.
**Mifsud Camilleri**. Leali lejk, forsi.
**Netta**. Nixtieqek tiskuża ruħek... għalkemm naf li ma tasalx... Ikolli nagħmilha għalik. Jaqaw is-Sur Chetcuti nkwetak?
**Mifsud Camilleri**. Le, le.
**Netta**. Mela min? Xi klijent?
**Mifsud Camilleri**. Le... iva, klijent. Għedtlu biex iċempilli għada fl-uffiċċju.

**Netta**. Jiddispjaċini. Li kont naf kont inġiblu skuża. Iżda qal li kienet xi ħaġa importanti.
**Mifsud Camilleri**. Iva, naf. Iżda l-importanza hija relattiva, mhux hekk? Għalija, inti biss importanti. (*Joffrilha tazza nbid*) Tkompli miegħi?
**Netta**. (*Tieħu t-tazza*) Hija okkażjoni speċjali. (*Terfa' t-tazza*) Nifraħlek, Salvator. Ma jmissnix ngħidha la kulħadd jgħidhielek, iżda żgur li kienet vittorja.
**Mifsud Camilleri**. Xi ftit jew wisq.
**Netta**. X'inhi din... xi qrara? Trid tgħid li m'intix infallibbli?
**Mifsud Camilleri**. Kultant nagħmel xi żball oħxon ukoll.
**Netta**. Għidli. Jekk jogħġbok. Għandek xi problema, Salvator?

*Iħarsu ċass lejn xulxin għal ftit ħin bħallikieku jkun se jammetti xi ħaġa. Tidħol Rizzo.*

**Rizzo**. Trid ftit kafé ieħor, sinjura?
**Netta**. Le, grazzi.

*Rizzo toħroġ*

**Mifsud Camilleri**. Innota jekk jogħġbok li lili m'offritlix kikkra kafé.
**Netta**. Hi taf int xi tħobb tixrob, u fuq kollox, kif tmur magħha, ma tagħtihiex tort. Titwerwer minnek.
**Mifsud Camilleri**. Jien lest li nispjegalha dwar l-inbieħ u l-gdim jekk inkun naf żgur li tifhimni...
**Netta.** U hi hekk tħares lejk, bħala xi tip ta' kelb selvaġġ. Tlift servi biżżejjed matul is-snin minħabba t-temperament tiegħek.
**Mifsud Camilleri**. Naf iżda issa qed insir iktar dħuli. Ma ndunajtx? Inwiegħdek li ma nerġax ninbħilha.
**Netta**. Tajjeb għax għandha idea ħażina tiegħek. Dnub għax inti tassew bniedem għażiż.
**Mifsud Camilleri**. Taħseb? Għandek raġun. Infatti int għandek ġudizzju mill-aqwa u gosti impekkabbli. Int minn dejjem hekk kont. Jien għalhekk iżżewwiġtek. Ħa nixorbu ieħor...
**Netta**. Attent għax ikollok tiftaħ flixkun ieħor. Kważi spiċċa kollu.
**Mifsud Camilleri**. (*jirreċta*) Dment li bejnietna t-tnejn, ħa nispiċċaw il-kaxxa kollha.
**Netta**. Le, aħjar nibżgħu għalih. Ixorbu biex tiftakar fija.
**Mifsud Camilleri**. Qalbi Netta...
**Netta**. Taf x'ridt ngħid... xi ħaġa li dejjem qsamna flimkien... xi ħaġa li 'l quddiem iġġagħlek tiftakar.
**Mifsud Camilleri**. Ma jkollix bżonn l-inbid biex jgħinni.
**Netta**. Naf iżda hija xewqa. Tridx ingagħal li l-aħħar ftit fliexken jiġu moħbija?
**Mifsud Camilleri**. Le x'jiġifieri? Xorta waħda ma ndumx ma nerġa' nsibhom. Nispiċċahom meta ma tkunx qed tħares.
**Netta**. Mela narrestak għax tkun sraqt.
**Mifsud Camilleri**. Ikollok biċċa xogħol biex iġġib il-provi.
**Netta**. Għaliex?
**Mifsud Camilleri**. Għax qabel ma l-każ jidher quddiem il-qorti jien inkun diġà qridt l-evidenza.
**Netta**. Dak serq mod ieħor. Ninforma lill-Avukat tal-Prosekuzzjoni bil-fatti kollha.

**Mifsud Camilleri**. Naturalment l-għaġeb Thomas Borg Bugeja.
**Netta**. Naturalment. Avukat l-iktar distint.
**Mifsud Camilleri**. Bniedem stupidu u pompuż.
**Netta**. U mmur nixhed jien personalment. "Fis-sakra, Sur Imħallef, dejjem fis-sakra, il-ħajja miżżewġa tagħna kollha."
**Mifsud Camilleri**. (*ikompli magħha*) Mara kattiva u ppreġudikata li qatt ma wriet ħniena u simpatija tant li wasslet lil żewġha – bniedem kwiet u tolleranti – biex isib refuġju fil-flixkun.
**Netta**. Sakranazz bla kontrol li kien jaf li x-xorb kien qed iherrilu moħħu. Iżda kien... imħawwad wisq... biex jieqaf. Kellu biża' sigrieta li xi darba r-rival iżgħar minnu jikkonfrontah u jumiljah...
**Mifsud Camilleri**. Iżgħar! Se jiddispjaċik għal dan il-kliem, mara! (*Jerfa' l-flixkun ta' l-inbid u jheddidha bih)*
**Netta**. Le, ssawatnix! Terġax issawwatni! Ma niflaħx iżjed. (*Titkellem normali u bil-mod*) Mhux bl-inbid Rothschild...!
**Mifsud Camilleri**. (*iniżżel il-flixkun*) Ma rridx naħlih fuqek, mara. Ikolli nsib flixkun ta' nbid ordinarju.
**Netta**. Nammetti...

*Mifsud Camilleri jqiegħed maktur fuq rasu u nuċċali fuq imnieħru u jagħmilha ta' mħallef*

**Mifsud Camilleri**. Netta Mifsud Camilleri, tnax-il raġel sabuk ħatja ta' delitt faħxi...
**Netta.** M'hemmx imqar mara waħda fost il-ġurati?
**Mifsud Camilleri**. ... li xlejt b'mod falz, gergirt u dejjaqt mingħajr waqfien lill-akkużat, l-avukat Salvatore Mifsud Camilleri, li għal 28 sena sħaħ kien attent, ġentili, ta' temperament tajjeb u jaf iħobb. Għandek xi tgħid qabel ngħaddi għas-sentenza?
**Netta**. Ikollok ħniena... jekk jogħġbok
**Mifsud Camilleri**. M'għandix għażla f'din il-materja. Ikolli nagħti sentenza massima kif titlob il-liġi. Nikkundannak għal ħmistax-il sena... iktar... ma' Salvatore Mifsud Camilleri.
**Netta**. Nappella.
**Mifsud Camilleri**. L-appell mhux milqugħ.
**Netta**. Le, Salvator.
**Mifsud Camilleri**. Għaliex iż-żgħażagħ dejjem jassumu li l-imħabba hija l-prerogattiva tagħhom?
**Netta**. Tkunx sentimentali, ruħi Salvator. Ejja nispiċċaw dak il-flixkun.
**Mifsud Camilleri**. Idea tajba... int tħossok tajba, Netta?
**Netta**. (*isserraħ dahrha*) Iva... Kompli daħħaqni... B'hekk inħossni aħjar.

*Taħbita fuq il-bieb u tidħol Rizzo*

**Mifsud Camilleri**. Għall-erwieħ, sirna prudenti fl-aħħar. Qed tara, ippersevera u l-messaġġ fl-aħħar jasal.
**Netta**. Xi trid, Stella?

**Rizzo**. Għax il-lejla trid tieħu l-pillola ta' darba fil-ġimgħa, sinjura. (*Tieħu l-flieken tal-pilloli mill-kexxun tal-mejda fejn hemm it-telefon)*
**Netta**. Iva... grazzi.
**Mifsud Camilleri**. Marka ħażina oħra lis-sinjur... m'hemmx hot-water bottle fuq in-naħa tiegħu tas-sodda l-lejla.

*Rizzo tagħti l-fliexken tal-pilloli u tazza ilma lil Netta waqt li Mifsud Camilleri jersaq bil-mod warajha.*

**Rizzo**. Il-lejl it-tajjeb, sinjura.
**Netta**. Il-lejl it-tajjeb, Stella.
**Micallef Camilleri** (*jirreċta b'vuċi għolja*) Niżżi ħajr 'l Alla, il-ħajja ma setgħetx tkun agħar.

*Rizzo toħroġ tiġri 'l barra.*

**Netta**. Trid tiftakar li l-memorji li għandha tal-ħajja miżżewġa mhumiex memorji sbieħ. U li tgħix waħdek mhix faċli.
**Mifsud Camilleri**. (*jirreċta*) "Waħedha sakemm mietet, Bessie Bighead, impjegata u mwielda f'dar tal-fqar, b'riħa fuqha tal-maqjel tal-baqar tonħor b'ħoss baxx u aħrax fuq sufan tat-tiben f'raff f'Salt Lake Farm u taqta' bukkett żgħir ta' margeriti biex tqiegħdu fuq il-qabar ta' Gomer Owen li darba biesha ħdejn il-maqjel tal-ħnieżer meta ma kinitx qed tħares u qatt ma reġa' biesha iżjed, anke jekk kienet tħares il-ħin kollu."

*Netta tibda tidħaq iżda tibda tħoss ħafna wġigħ.*

**Mifsud Camilleri**. Skużani, Netta. (*isabbarha*)
**Netta**. Jiena sirt piż kbir għalik.
**Mifsud Camilleri**. Lanqas xejn.
**Netta**. Salvator, jiena ninkweta għalik. M'intix taċċetta s-sitwazzjoni tassew. Irridek tlesti ruħek kif qed nagħmel jien. Ma rridekx issir wieħed xiħ stramb fil-klabb bħal ma hu Buhagiar. Nispera li terġa' tiżżewweġ armla li taf issajjar.
**Mifsud Camilleri**. Ma rridx nisimgħek tgħid ħmerijiet bħal dawn. Jiena ma rrid lil ħadd iżjed, qalbi.
**Netta**. Int għandek ħajja twila x'tgħix u ħafna iktar suċċessi.
**Mifsud Camilleri**. Iżda ma' min tridni naqsam ħajti, Netta tiegħi? Biex tgawdi l-valur tal-kuntentizza trid taqsamha ma' xiħadd li tħobb. Fejn tridni mmur u ma' min tridni naqsam ir-rebħa meta l-ġurati jgħidu "Mhux ħati"? Ma jkun hemm ħadd ma' min ingorr kontra l-imħallef ippreġudikat, ħadd lil min ngħid dwar l-aħħar skandlu fl-avukatura. Ħadd li jżommli jdejja u jgħidli, "Minkejja l-eżaġerazzjonijiet tiegħek, jiena xorta waħda nħobbok".
**Netta**. Salvator...
**Mifsud Camilleri**. Ma nistax nifhem għaliex għandek tmut, għalhekk tgħidlix biex inkun raġonevoli, prattiku u fuq kollox loġiku. Jiena wkoll irrid "nirrabja, nirrabja kontra l-mewt tad-dawl".
**Netta**. Iżda jien ma rridekx tirrabja.

**Mifsud Camilleri**. M'intix tara x'se jiġrili? Stephen iqaqi fuqi qisu tiġieġa. Robert jirrispettani daqslikieku kien ibni l-kbir, ommi dejjem fuq it-telefon, il-ħin kollu tistaqsini kif jien. U fil-kurituri tal-qorti ma jdumux ma jibdew jgħidu, "Mhuwiex nofs ir-raġel li kien". Mbagħad malajr isir magħruf is-sigriet tiegħi. Mingħajrek jiena inqas minn nofs raġel.
**Netta**. Salvator, inħobbok. Għinni mmur fis-sodda.
**Mifsud Camilleri**. Skużani li bqajt inlablab. Biss nirringrazzja 'l Alla li tani lilek iżda ma nafx x'għamiltlu biex huwa rrabjat għalija u mhux se jħallik ftit ieħor miegħi.
**Netta**. Kien diskors ta' l-għeluq tassew sabiħ iżda għandek bżonn tkun iktar raġonevoli. Ejja.

*Mifsud Camilleri u martu joħorġu biex jitilgħu fuq. Rizzo tidħol mill-kċina, tħares lejn il-fliexken tal-pilloli fuq il-mejda u titfi d-dwal. Jintfew id-dwal u tingħalaq il-purtiera.*

*Jinstemgħu l-ilħna 3*

**Borg Bugeja**. U dak il-lejl, Netta ħadet din il-pillola ta' darba fil-ġimgħa, il-ħamra?
**Rizzo**. Iva.
**Borg Bugeja**. Mbagħad ħadet il-pillola l-bajda ta' l-irqad, hux?
**Rizzo**. Iva. Kienu xi l-għaxra nieqes kwart.
**Borg Bugeja**. Jiġifieri ma kinitx ħadet il-pillola l-ħamra mill-inqas tmint ijiem qabel, hux hekk?
**Rizzo**. Hekk hu, sewwa qed tgħid. Dawk kienu l-ordnijiet tat-tabib Vella Azzopardi.
**Borg Bugeja**. Qed nifhem. U Dr. Mifsud Camilleri kien fil-kamra dak il-ħin?
**Rizzo**. Iva, hemm kien.
**Borg Bugeja**. U ra dak li kien qed jiġri?
**Rizzo**. Żgur. Mhux hemm bilwieqfa ħdejna kien?
**Borg Bugeja**. Iżda Dr Mifsud Camilleri kien jaf liema pillola kienet qed tieħu martu?
**Rizzo**. Bilfors li kien jaf għax kull meta kont nagħtihielha dejjem kont nirreferi għaliha bħala l-pillola ta' darba fil-ġimgħa.
**Borg Bugeja**. Dejjem? Jiġifieri Dr. Mifsud Camilleri kien semgħek tirreferi għaliha b'dak il-mod ħafna drabi qabel.
**Rizzo**. Iva, kemm-il darba.

*Jispiċċaw l-ilħna.*

## Xena 4

*Iktar tard dak il-lejl. Meta tinfetaħ il-purtiera Netta tkun mixħuta ma' l-art bejn il-pultruna u s-siġġu fuq il-lemin. Wara ftit ħin Mifsud Camilleri jinstema' jsejħilha. Jinżel it-taraġ u jidħol fis-salott.*

**Mifsud Camilleri**. (*jixgħel id-dawl*) Netta? Netta! (*jaraha*) Ġesù ħanin, Netta! Kollox sew? X'ġara?
**Netta**. Naħseb li waqajt.
**Mifsud Camilleri**. Jiddispjaċini... Ma ndunajtx li kont qomt. Weġġgħajt?

**Netta**. Naħseb li benġilt drieghi, xejn iżjed.
**Mifsud Camilleri**. Għaliex ma sejjaħtlix?
**Netta**. Kont tidher għajjien wara l-ġuri. Ma ridtx inqajmek.
**Mifsud Camilleri**. Għamilt ħażin.
**Netta**. Insomma, issa la qomt nixtieq kikkra te.
**Mifsud Camilleri**. Mela le.
**Netta**. Jekk nista' nieħu pillola oħra jħossni aħjar.
**Mifsud Camilleri**. Tajjeb...

*Mifsud Camilleri joħroġ mill-bieb li jagħti għall-kamra ta' l-ikel. Netta tipprova tilħaq il-gabarré bil-fliexken tal-pilloli minn fuq il-mejda iżda l-uġigħ ma jħallihiex u ma jirnexxilhiex.*

**Mifsud Camilleri**. (*jirreċta minn ġewwa*) "Dħalt tixxengel fis-sakra daqs djaknu, ibni, b'barmil kbir bl-ilma u b'bixkilla mimlija birra u ħarist lejja u għedtli, 'Alla wasal!' hekk għedtli." (*jidħol u jitkellem b'vuċi normali*) Lanqas indunajt li kont xrobt daqshekk għax kieku kont nisimgħek tqum. Ħa nagħmel il-kitla.
**Netta**. Grazzi, Salvator. Nispera li ma ndumx sejra hekk. Ma naħsibx li niflaħ intul wisq. Inħoss li l-uġigħ qed jiżdied minn ġurnata għall-oħra. Qed nipprova nibqa' ħajja għalik. Iżda għandi bżonn nitolbok tħallini mmur.
**Mifsud Camilleri.** (*wara pawsa*) Iżda għadek lanqas żbart il-ward.
**Netta**. (*tipprova tidħaq*) Kemm int ħelu, Salvator. U kemm inħobbok.
**Mifsud Camilleri**. U jien inħobb lilek. (*biċ-ċajt*) Iżda issa se jkolli nħallik.
**Netta**. Għaliex?
**Mifsud Camilleri**. Għax qed nisma' l-kitla tagħli.

*Mifsud Camilleri joħroġ. Netta tilħaq il-pilloli iżda ma jirnexxiliex tiftaħ il-flixkun. Mifsud Camilleri jiġi lura b'kikkra te.*

**Mifsud Camilleri**. Ma stajtx insib l-Earl Grey iżda sibt żewġ boroż tat-te... dawk li jixorbu bħalhom ix-xadini fuq it-television.
**Netta**. Meta tqiegħed il-pillola fit-te... ħalliha ddub. Iktar faċli għalija neħodha hekk.

*Tgħaddi l-flixkun lil Mifsud Camilleri iżda l-udjenza ma jistgħux jaraw il-kulur tal-pilloli. Rizzo titfaċċa fuq it-taraġ. Mifsud Camilleri b'dahru lejha jitfa l-pillola fit-te u jmur bilqiegħda fuq pultruna ħdejn martu.*

**Netta**. Grazzi... (*tixrob it-te*)
**Mifsud Camilleri**. Netta...
**Netta**. Le... tgħid xejn iżjed, Salvator. Inħossni għajjiena wisq, anke biex nidħaq.

*Wara li Rizzo tara lil Netta tixrob it-te, terġa' titla' 'l fuq.*

**Netta**. Issa nkun aħjar, Salvator...
**Mifsud Camilleri** (*jirreċta*) "Inħobbok sa ma tifridna l-mewt imbagħad inkunu flimkien għal dejjem ta' dejjem. Illum wasal pakkett biż-żagarelli minn Carmathen, kollha kuluri

tal-qawsalla. Kemm nixtieq norbotlok żagarella bajda f'xagħrek imma ma jistax ikun. Dal-lejl ħlomt li kont imxarrba għasra u poġġejt f'ħoġri hekk kif ir-reverendu Jenkins niżel fit-triq. Qed nara li għandek sirena f'ħoġrok qalli u neħħa l-kappell. Huwa nisrani tassew. Mhux bħal Cherry Owen li qalli li messni tfajtha 'l hemm... Qalbi qiegħda f'ħobbok u tiegħek qiegħda f'tiegħi. Alla jkun miegħek Myfanwy Price u jżommok sabiħa għalija fid-dar tiegħu tas-sema." (*Bil-mod, imbeżża'*) Netta... Le, Netta, jekk jogħġbok... Aħfirli... tmurx għalissa. (*ikompli jolfoq*)

*Id-dwal jintfew bil-mod u tingħalaq il-purtiera.*

*Jinstemgħu l-ilħna 4.*

**Mħallef**. Meta tkunu wżintu l-evidenza kollha kif ġiet ippreżentata lilkom, mbagħad ikollkom tiddeċiedu fuq il-verdett tagħkom. Inkun qed nagħmel ħażin jekk ngħidilkom kif naħsibha jien. Il-verdett huwa tagħkom u tagħkom biss. Neħħu minn moħħkom ir-rabja, is-simpatija u kull emozzjoni oħra. Jekk l-evidenza ma tkunx ta' sodisfazzjon għalikom u bla dubju ta' xejn, il-verdett tagħkom għandu jkun "Mhux ħati". Min-naħa l-oħra, jekk tkunu sodisfatti, il-verdett, anke jekk ma jinżilx tajjeb, għandu jkun "Ħati". Ma ngħirx għal din il-biċċa xogħol iebsa li għandkom iżda tridu tkunu deċiżi fid-dmir tagħkom. Meta l-Prim Ġurat jieħu l-ġurament, intom tirtiraw biex tikkunsidraw l-verdett tagħkom u meta jasal il-ħin tiġu lura u tgħiduli bid-deċiżjoni tagħkom.

**Skrivan**. L-akkużat iqum bilwieqfa. Il-Prim Ġurat jekk jogħġbu jqum bilwieqfa. Sur Prim Ġurat, il-priġunier Dr Salvatore Mifsud Camilleri huwa ħati jew mhux ħati ta' qtil?

*Jispiċċaw l-ilħna.*

## <u>Xena 5</u>

*Is-salott fid-dar ta' Mifsud Camilleri xi ġimgħatejn wara l-ġuri. Il-ħin huwa t-8 p.m. Mifsud Camilleri bilwieqfa ħdejn l-iskrivanija b'dahru lejn l-udjenza. L-arloġġ idoqq it-8 u wara l-ħames tokk iċċempel il-qanpiena tal-bieb ta' barra. Pawsa qasira u jidħol Hili Said.*

**Mifsud Camilleri**. Ma setax kien ħaddieħor ħliefek. Idħol, Stephen. Eżatt fil-ħin.
**Hili Said**. Qed nieħu pjaċir li għedtli niġi. Kont qed tgħix qisek eremita mill-ġuri 'l hawn... bit-telefon maqlugħ, l-ittri ma tweġibhomx... lanqas biss trid tiltaqa' ma' l-aqwa ħbieb.
**Mifsud Camilleri**. Issa weġibt kull ittra li rċevejt u anke ktibt xi ftit jien ukoll, (*iqiegħed it-telefon f'postu*) it-telefon qiegħed f'postu u inti ġejt mistieden tixrob miegħi.
**Hili Said**. (*jara l-flixkun tal-pilloli l-ħomor*) Dawn x'qed jagħmlu hawn? (*jeħodhom f'idu*)
**Mifsud Camilleri**. Il-pulizija ġabuhom lura. Kelli anke niffirma għalihom. Wara kollox, dawk kienu ta' Netta u Netta ħalliet kollox lili, bħal ma Thomas Borg Bugeja kien akkanit li jgħidilna.

**Hili Said**. Issa għadda kollox. Kienet esperjenza xejn pjaċevoli iżda b'konklużjoni sodisfaċenti. (*Mifsud Camilleri jnewwillu tazza bix-xorb*) Ejja almenu nixorbu fuq din. Mouton Rothschild?
**Mifsud Camilleri**. Iva, l-aħħar flixkun. Netta riditni nibża' għalih għal xi okkażjoni speċjali. Ippreferixxejt li nixrobhom... waħdi, biha fi ħsibijieti – bħala ċelebrazzjoni ta' għamla differenti... iżda ridtek taqsam miegħi dan l-aħħar wieħed.
**Hili Said**. Ejja... ħa nagħmlu din okkażjoni iktar sabiħa, Salvator. Għandi f'idejja każ straordinarju... ta' tifel li qatel lil ommu – kien jiddelitta bil-maġija s-sewda. Naf żgur li b'dan il-każ terġa' tikseb postok għal kollox fl-avukatura.
**Mifsud Camilleri**. Il-Każ tal-Qtil bil-Maġija s-Sewda. Taf li kważi qed tittantani? Iżda ma nistax immur lura lejn l-avukatura. Mhux possibbli.
**Hili Said**. Għaliex le?
**Mifsud Camilleri**. Għax jien kont li qtilt lil marti.
**Hili Said**. (*jeżita*) Kulħadd jaf li kien inċident.
**Mifsud Camilleri**. Le, Stephen. Sar apposta. Hekk riedet u ma stajtx nirrifjutaha. Kont inħobbha wisq.
**Hili Said**. Alla ħanin! Aħjar m'għedtli xejn. Għaliex m'għedtx lill-pulizija?
**Mifsud Camilleri**. Ħassejt li ma kinitx affari tagħhom.
**Hili Said**. Iżda int il-President tal-Kunsill ta' l-Avukatura u żgur li m'intix 'il fuq mil-liġi.
**Mifsud Camilleri**. Għal din l-okkażjoni ddeċidejt li nkun l-imħallef u l-ġurija tiegħi stess. Iżda kelli nuqqas ta' stima lejn l-onestà ta' Stella Rizzo u ċ-ċans li kellha li tgħid il-verità kif ratha hi.
**Hili Said.** Stajt għedt il-verità fil-qorti.
**Mifsud Camilleri**. Hekk għamilt iżda bil-kejl ta' wieħed politiku. Ma nħossnix li għedt xi gideb. Forsi kont ekonomiku fil-verità. X'inhi l-verità staqsa biċ-ċajt Pilatu, u ma stenniex it-tweġiba. Hawn xiħadd minna li qatt jista' jkun jaf is-sewwa kollu? Iżda jien kont beħsiebni ngħid kollox. Anke kont lestejt stqarrija u għażilt meta l-aħjar ħin li nagħmilha. Naf li kienet żgur tikkonvinċi lill-ġurija.
**Hili Said**. Mela għaliex m'għamilthiex?
**Mifsud Camilleri**. Għax f'daqqa waħda ndunajt li kont fi ġlieda vera. Borg Bugeja kien lest għalija... u kważi wasal biex jikkonvinċi lill-ġurija. Kieku dak il-ħin għedt il-verità, kienet tkun tidher bħala apoloġija patetika, attentat biex nitkaxkar mill-problemi tiegħi. Kieku għamilt dik l-istqarrija, dik li ridt nagħmel jien – ridt li nagħmilha bid-dinjità. Tħallix l-inbid hemm, Stephen. Dak l-aħħar minn 61 flixkun. F'daqqa waħda, Stephen, fhimt li Borg Bugeja u jien konna qisna bħal żewġ bhejjem fi ġlieda ħarxa għall-aħħar darba. U għall-ewwel darba kont ħallejtu jerbaħli.
**Hili Said**. Iżda għaliex?
**Mifsud Camilleri**. Għax min kont qed niddefendi (*juri lilu nnifsu*) ma kienx jinteressah ir-riżultat. Kont tlift l-unika ħaġa li kont inħobb u anke l-pjaċir li nerbaħ lil Borg Bugeja ma setax iġibli lura lil Netta. Iżda kont naf li kien se jkun l-aħħar każ tiegħi.
**Hili Said**. Kien żgur se jkun l-aħħar każ tiegħek. Wara din id-diskursata ta' bejnietna ma tista' qatt tittama li tmur lura fl-avukatura.
**Mifsud Camilleri**. Għalhekk stedintek biex tiġi... ħalli bniedem wieħed ikun jaf il-verità – il-verità kollha – għax inti l-iktar bniedem onest li naf, Stephen, u ħassejt il-bżonn li nispjega kollox lil xiħadd li nafda... u nirrispetta... Ħassejt ukoll il-bżonn ta' xiħadd

biex... jgħinni nispiċċa dan l-aħħar flixkun – b'tifkira ta' Netta tiegħi. Bilħaqq, ħallejt lilek dak li baqa' fil-kantina. Ma tantx fadal wisq issa li spiċċa l-Mouton Rothschild, iżda naf żgur li inti tapprezza dak li għad fadal.

**Hili Said**. (*iqum minn postu*) X'qed tipprova tgħidli?

**Mifsud Camilleri**. Ftit qabel wasalt int – int qatt m'int tard – blajt tliet pilloli Cyclotoxelix ma' l-ewwel tazza nbid li xrobt, li nafu li hija fatali. Bħal Netta – il-pilloli ta' darba fil-ġimgħa, dawk il-ħomor. Mietet mistrieħa, Stephen.

*Hili Said jersaq lejn it-telefon*

**Mifsud Camilleri**. Le, Stephen, jekk jogħġbok. Le. Grazzi, Stephen. Grazzi talli kont ġentili li ġejt, biex tkun miegħi. Jiena ktibt l-ittri li kelli nikteb u rranġajt dwar il-beni li għandi. Kollox f'postu kif għandu jkun. Ħallejt kollox fuq l-iskrivanija tiegħi biex tamministrah inti. Il-biċċa l-kbira tal-beni se jmur għall-karità. Naturalment ħadt ħsieb ommi u anke ħallej xi ħaġa lil Stella Rizzo. Ħadt pjaċir ħafna naqra fit-*Times* li Robert laħaq fejn kellu jilħaq. Kien ħaqqu. Jiddispjaċini biss li mhux se jkolli l-opportunità li nċanfru mill-bank ta' l-imħallef. Netta żgur li kienet tieħu gost għax kienet tħobbu. U żgur li kienet tieħu gost bil-ġuri tal-qtil tal-Maġija s-Sewda. Min jaf x'kienet tipprepara għall-ikel għal dik l-okkażjoni. Inti minn dejjem kont tajjeb biex taqta'... Għidli, x'taħseb li Netta kienet tlestielna għall-ikel lejlet il-ġuri tal-qtil tal-Maġija s-Sewda?

"Qed nara t-tfal tas-sajf fir-rovina tagħhom
U l-mewt ma jkollha l-ebda ħakma
Rabja, rabja għall-mewt tad-dawl
Se mmur bil-mod lejn il-lejl twajjeb."

*Hili Said jitbaxxa fuq Mifsud Camilleri. Bil-mod jaqbad it-telefon u jdawwar numru hekk kif id-dwal jintfew bil-mod u –*

**Hili Said** :Hello, l-ghassa tal-pulizija..... hawnhekk id-dar tal-avukat Mifsud Camilleri, iva ...f'Ta Xbiex. Nixtieq nirraporta li l-avukat siebtu mejjet id-dar tieghu. Jekk joghogbok ibghat ambulanza..... skuzi.... imma 'nt minn tahseb li ,nt biex tkun tista tiggudika!!! (Jaqta) Minn ahna.... sabiex nistghu nikkundanawh ghal ghemillu!

*Tingħalaq il-purtiera.*